C0010/R0610	Provvedimenti tekniċi — tas-saħħa (simili għal tal-ħajja)	Din hija l-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi tal-operazzjonijiet għas-saħħa (simili għal tal-ħajja). Dan l-ammont jinkludi t-tqassim mit-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi f'konformità mal-metodoloġija proporzjonata użata għall-finijiet tal-kalkolu tar-RKM.
C0010/R0620	Provvedimenti tekniċi — tas-saħħa (simili għal tal-ħajja) — provvedimenti tekniċi kkalkolati fit-totalità tagħhom	Dan huwa l-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi kalkolati fit-totalità tagħhom (portafoll replikabbli/jista' jiġi ħheġġjat) għall-operazzjonijiet tas-saħħa (simili għal tal-ħajja). Dan l-ammont jinkludi t-tqassim mit-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi f'konformità mal-metodoloġija proporzjonata użata għall-finijiet tal-kalkolu tar-RKM.
C0010/R0630	Provvedimenti tekniċi — tas-saħħa (simili għal tal-ħajja) — L-aħjar stima	Din hija l-ammont totali tal-aħjar stima tal-provvedimenti tekniċi tal-operazzjonijiet tas-saħħa (simili għal tal-ħajja). L-aħjar stima għandha tiġi ddivulgata grossa mir-riassigurazzjoni. Dan l-ammont jinkludi t-tqassim mit-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi f'konformità mal-metodoloġija proporzjonata użata għall-finijiet tal-kalkolu tar-RKM.
C0010/R0640	Provvedimenti tekniċi — tas-saħħa (simili għal tal-ħajja) — Marġni ta' riskju	Din hija l-ammont totali tal-marġni tar-riskju tal-provvedimenti tekniċi għall-operazzjonijiet tas-saħħa (simili għal tal-ħajja). Dan l-ammont jinkludi t-tqassim mit-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi f'konformità mal-metodoloġija proporzjonata użata għall-finijiet tal-kalkolu tar-RKM.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010/R0650	Provvedimenti tekniċi — tal-ħajja (bl-esklużjoni tas-saħħa u marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet)	Dan huwa l-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi tal-operazzjonijiet tal-ħajja (bl-esklużjoni tas-saħħa u marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet). Dan l-ammont jinkludi t-tqassim mit-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi f'konformità mal-metodoloġija proporzjonata użata għall-finijiet tal-kalkolu tar-RKM.
C0010/R0660	Provvedimenti tekniċi — tal-ħajja (bl-esklużjoni tas-saħħa u marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet) — provvedimenti tekniċi kkalkolati fit-totalità tagħhom	Dan huwa l-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi kkalkolati fit-totalità tagħhom (portafoll replikabbli/jista' jiġi ħeġġjat) għall-operazzjonijiet tal-ħajja (bl-esklużjoni tas-saħħa u marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet). Dan l-ammont jinkludi t-tqassim mit-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi f'konformità mal-metodoloġija proporzjonata użata għall-finijiet tal-kalkolu tar-RKM.
C0010/R0670	Provvedimenti tekniċi — tal-ħajja (bl-esklużjoni tas-saħħa u marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet) — L-aħjar stima	Dan huwa l-ammont totali tal-aħjar stima tal-provvedimenti tekniċi għall-operazzjonijiet tal-ħajja (bl-esklużjoni tas-saħħa u marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet). L-aħjar stima għandha tiġi ddivulgata grossa mir-riassigurazzjoni. Dan l-ammont jinkludi t-tqassim mit-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi f'konformità mal-metodoloġija proporzjonata użata għall-finijiet tal-kalkolu tar-RKM.
C0010/R0680	Provvedimenti tekniċi — tal-ħajja (bl-esklużjoni tas-saħħa u marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet) — Marġni ta' riskju	Dan huwa l-ammont totali tal-marġni ta' riskju tal-provvedimenti tekniċi għall-operazzjonijiet tal-ħajja (bl-esklużjoni tas-saħħa u marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet). Dan l-ammont jinkludi t-tqassim mit-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi f'konformità mal-metodoloġija proporzjonata użata għall-finijiet tal-kalkolu tar-RKM.
C0010/R0690	Provvedimenti tekniċi — marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet	Dan huwa l-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi għall-operazzjonijiet marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet. Dan l-ammont jinkludi t-tqassim mit-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi f'konformità mal-metodoloġija proporzjonata użata għall-finijiet tal-kalkolu tar-RKM.
C0010/R0700	Provvedimenti tekniċi — marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet — provvedimenti tekniċi kkalkolati fit-totalità tagħhom	Dan huwa l-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi kkalkolati fit-totalità tagħhom (portafoll replikabbli/jista' jiġi ħeġġjat) għall-operazzjonijiet marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet. Dan l-ammont jinkludi t-tqassim mit-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi f'konformità mal-metodoloġija proporzjonata użata għall-finijiet tal-kalkolu tar-RKM.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010/R0710	Provvedimenti tekniċi — marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet — L-aħjar stima	Dan huwa l-ammont totali tal-aħjar stima tal-provvedimenti tekniċi għall-operazzjonijiet marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet. L-aħjar stima għandha tiġi ddivulgata grossa mir-riassigurazzjoni Dan l-ammont jinkludi t-tqassim mit-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi f'konformità mal-metodoloġija proporzjonata użata għall-finijiet tal-kalkolu tar-RKM.
C0010/R0720	Provvedimenti tekniċi — marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet — Marġni ta' riskju	Dan huwa l-ammont totali tal-marġni ta' riskju tal-provvedimenti tekniċi għall-operazzjonijiet marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet. Dan l-ammont jinkludi t-tqassim mit-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi f'konformità mal-metodoloġija proporzjonata użata għall-finijiet tal-kalkolu tar-RKM.
C0010/R0740	Obbligazzjonijiet kontinġenti	Obbligazzjoni kontinġenti hija: (a) obbligu possibbli li jinħoloq minn eventi fl-imgħoddi u li l-eżistenza tiegħu tiġi kkonfermata biss meta jseħħ jew ma jseħħx event futur inċert, wieħed jew aktar, li ma huwiex/ma humiex taħt il-kontroll sħiħ tal-entità; jew (b) obbligu preżenti li joriġina minn eventi fl-imgħoddi anki jekk: (i) mhux probabbli li jkun meħtieġ ħruġ ta' riżorsi li jkun fihom benefiċċji ekonomiċi sabiex isir is-saldu tal-obbligu; jew (ii) l-ammont tal-obbligu ma jistax jitkejjel b'biżżejjed affidabbiltà. L-ammont ta' obbligazzjonijiet kontinġenti rikonoxxut fil-karta bilanċjali għandu jsegwi l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0010/R0750	Provvedimenti oħra li mhumiex provvedimenti tekniċi	Obbligazzjonijiet bi twaqqit jew ammont inċert, bl-esklużjoni ta' dawk li huma ddivulgati taħt "Obbligi ta' benefiċċji tal-pensjoni". Il-provvedimenti jiġu rikonoxxuti bħala obbligazzjonijiet (bil-preżunzjoni li tista' ssir stima affidabbli) meta dawn jippreżentaw obbligi u huwa probabbli li se jkun meħtieġ ħruġ ta' riżorsi li jkun fihom benefiċċji ekonomiċi biex isir saldu tal-obbligi.
C0010/R0760	Obbligi tal-benefiċċji tal-pensjoni	Dan huwa t-total tal-obbligi netti marbut ma' skema tal-pensjonijiet tal-impjegati.
C0010/R0770	Depożiti mingħand riassiguraturi	Ammonti (eż. flus kontanti) riċevuti mir-riassiguratur jew imnaqqsa mir-riassiguratur f'konformità mal-kuntratt tar-riassigurazzjoni.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010/R0780	Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita	Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita huma l-ammonti ta' taxxi fuq l-introjtu pagabbli f'perjodi futuri fir-rigward ta' differenzi temporanji taxxabbli:
C0010/R0790	Derivattivi	Strument finanzjarju jew kuntratt ieħor li jissodisfa t-tliet karatteristici kollha li ġejjin: (a) il-valur tiegħu jinbidel b'reazzjoni għall-bidla f'rata tal-imgħax speċifikata, fi prezz ta' strument finanzjarju, fi prezz ta' prodott bażiku, f'rata tal-kambju, f'indiċi ta' prezzijiet jew rati, fi klassifikazzjoni tal-kreditu jew f'indiċi tal-kreditu jew f'varjabbli ieħor, dment li, fil-każ ta' varjabbli mhux finanzjarju, dak il-varjabbli ma jkunx speċifiku għal parti fil-kuntratt (xi drabi msejħa s-"sottostanti"). (b) ma jkun jirrikjedi l-ebda investiment nett inizjali jew investiment nett inizjali li jkun iżgħar minn dak li jkun meħtieġ għal tipi oħrajn ta' kuntratti li jkun mistenni li jkollhom rispons simili għal bidliet fil-fatturi tas-suq. (c) jiġi saldat f'data fil-ġejjieni. Obbligazzjonijiet derivattivi biss għandhom jiġu ddivulgati f'din ir-ringiela (jiġifieri derivattivi f'valuri negattivi fid-data tar-rapportar). Assi derivattivi għandhom jiġu ddivulgati f'C0010/R0190. Impriżi li ma jevalwax id-derivattivi fil-GAAP lokali tagħhom ma għandhomx bżonn jipprovdu valur tar-rapporti finanzjarji.
C0010/R0800	Djun dovuti lil istituzzjonijiet ta' kreditu	Djun, inklużi ipoteki u self, dovuti lil istituzzjonijiet ta' kreditu, bl-esklużjoni ta' bonds miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu (ma huwiex possibbli għall-impriża li tidentifika d-detenturi kollha tal-bonds li toħroġ) u obbligazzjonijiet subordinati. Dan jinkludi wkoll self kurrenti bankarju.
C0010/R0810	Obbligazzjonijiet finanzjarji għajr djun dovuti lil istituzzjonijiet ta' kreditu	Obbligazzjonijiet finanzjarji inklużi bonds maħruġa minn impriża (miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu jew le), noti strutturati maħruġa mill-impriża stess u ipoteki u self dovut lil entitajiet oħra minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu. Obbligazzjonijiet subordinati m'għandhomx jiġu inklużi hawn.
C0010/R0820	Ammonti pagabbli tal-assigurazzjoni u l-intermedjarji	Ammonti dovuti lil detenturi tal-poloz, assiguraturi u operazzjonijiet oħrajn marbuta mal-assigurazzjoni, iżda li ma humiex provvedimenti tekniċi. Tinkludi ammonti pagabbli lil intermedjarji ta' (ri)assigurazzjoni (pereżempju kummissjonijiet dovuti lil intermedjarji iżda li għadhom ma tħallsux mill-impriża). Teskludi self u ipoteki dovuti lil kumpaniji tal-assigurazzjoni oħrajn, jekk dawk is-selfiet u ipoteki jirrigwardaw biss il-finanzjament u ma humiex marbuta ma' negozju tal-assigurazzjoni (tali self u ipoteki għandhom jiġu ddivulgati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji). Għandha tinkludi ammonti pagabbli minn riassigurazzjoni aċċettata.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010/R0830	Pagabbli tar-riassigurazzjoni	Ammonti pagabbli lir-riassiguraturi (b'mod partikolari kontijiet kurrenti) għajr depożiti marbuta ma' operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni, li ma humiex inklużi f'rekuperabbli tar-riassigurazzjoni, inklużi ammonti pagabbli mill-impriża lir-riassiguraturi fir-rigward ta' eventi għajr eventi tal-assigurazzjoni. Tinkludi ammonti pagabbli lil riassiguraturi li huma marbuta ma' primjums ċeduti. Din iċ-ċellola tinkludi l-pagamenti kollha mistennija (dovuti u skaduti) mill-impriża lir-riassiguraturi li ma humiex inklużi fir-rekuperabbli tar-riassigurazzjoni. Dawn ma għandhomx jiġu inklużi fl-entrata "kwalunkwe obbligazzjoni oħra mhux murija xi mkien ieħor". Din iċ-ċellola b'mod partikolari għandha tqis il-pagamenti kollha mistennija mill-impriża lir-riassiguraturi li jikkorrispondu għall-pagamenti magħmula mid-detenturi tal-poloz lill-impriża. Din tinkludi wkoll il-pagamenti kollha mistennija (dovuti u skaduti) lir-riassiguraturi b'rabta ma' avvenimenti oħrajn għajr dawk tal-assigurazzjoni jew dawk li ġew miftiehma bejn iċ-ċedent u r-riassiguratur u meta l-ammont tal-pagament mistenni huwa ċert.
C0010/R0840	Pagabbli (negozju, mhux assigurazzjoni)	Dan huwa l-ammont totali ta' pagabbli kummerċjali, inklużi ammonti dovuti lil impjegati, fornituri, eċċ. u mhux relatati mal-assigurazzjoni, parallel mar-riċevibbli (kummerċ, mhux assigurazzjoni) fuq in-naħa tal-assi; jinkludi entitajiet pubbliċi.
C0010/R0850	Obbligazzjonijiet subordinati	Obbligazzjonijiet subordinati huma djun li jikklassifikaw wara d-djun speċifikati oħra meta impriża tiġi likwidata. Dan huwa t-total ta' obbligazzjonijiet subordinati kklassifikati bħala Fondi Proprji Bażiċi u dawk li mhumiex inklużi fil-Fondi Proprji Bażiċi.
C0010/R0860	Obbligazzjonijiet subordinati mhux fil-Fondi Proprji Bażiċi	Obbligazzjonijiet subordinati huma djun li jikklassifikaw wara d-djun speċifikati oħra meta impriża tiġi likwidata. Djun oħra jistgħu jkunu subordinati anki aktar fil-fond. Obbligazzjonijiet subordinati li mhumiex klassifikati fil-Fondi Proprji Bażiċi biss għandhom jiġu ppreżentati hawnhekk.
C0010/R0870	Obbligazzjonijiet subordinati fil-Fondi Proprji Bażiċi	Obbligazzjonijiet subordinati klassifikati fil-Fondi Proprji Bażiċi
C0010/R0880	Kwalunkwe obbligazzjoni oħra li ma tidhirx xi mkieniehor	Din hija t-total ta' kwalunkwe obbligazzjoni oħra li mhijiex diġà inkluża f' x' entrata oħra tal-Karta Bilanċjali.
C0010/R0900	Obbligazzjonijiet totali	Din hija l-ammont kumplessiv totali tal-obbligazzjonijiet kollha.
C0010/R1000	Eċċess ta' assi fuq obbligazzjonijiet	Dan huwa t-total tal-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet ta' impriża, evalwat f'konformità mal-bażi ta' valwazzjoni ta' Solvenza II. Valur tal-assi bl-obbligazzjonijiet imnaqqsa.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2011 tal-11 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-listi ta' gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali, li l-iskoperturi għalihom għandhom ikunu trattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 295, 12.11.2015, p. 3).

([3]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([4]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

S.04.05 — Primjums, pretensjonijiet u spejjeż skont il-pajjiż

Kummenti ġenerali

Din it-taqsima għandha x'taqsam mad-divulgazzjoni annwali tal-informazzjoni għal entitajiet individwali. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma humiex meħtieġa jiddivulgaw din l-informazzjoni meta l-pajjiż ta' oriġini jirrappreżenta 90 % jew aktar tal-primjums sottoskritti grossi totali.

L-informazzjoni f'dawn il-formoli għandha tinkludi:

— in-negozji kollha tal-assigurazzjoni irrispettivament mill-klassifikazzjoni differenti possibbli bejn il-kuntratti tal-investiment u l-kuntratti tal-assigurazzjoni applikabbli fir-rapporti finanzjarji; u

— operazzjonijiet diretti u operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati.

Din il-formola għandha tiġi ddivulgata minn perspettiva ta' kontabbiltà (jiġifieri GAAP lokali, jew IFRS jekk aċċettat bħala GAAP lokali). Madankollu, dan għandu jiġi ssodisfat billi jintużaw il-linji operatorji kif speċifikati fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. L-impriżi għandhom jużaw il-bażi tar-rikonoxximent u tal-valwazzjoni bħal dik għar-rapporti finanzjarji ppubblikati (jiġifieri ma huwa meħtieġ l-ebda rikonoxximent ġdid jew rivalutazzjoni ġdida), ħlief għall-klassifikazzjoni bejn il-kuntratti ta' investiment u l-kuntratti ta' assigurazzjoni meta dik il-klassifikazzjoni tkun applikabbli fir-rapporti finanzjarji.

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiddivulgaw primjums sottoskritti/gwadanjati kif definit fl-Artikolu 1(11) u (12) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 irrispettivament minn jekk jintużawx GAAP lokali jew IFRS.

Għall-finijiet ta' din il-formula u fil-każ ta' assigurazzjoni diretta, il-"pajjiż li fih jinsab ir-riskju" tfisser:

(a) il-pajjiż li fih tkun tinstab il-proprjetà, meta l-assigurazzjoni tkun relatata jew ma' bini jew ma' bini u l-kontenut tiegħu, sa fejn il-kontenut ikun kopert mill-istess polza tal-assigurazzjoni;

(b) il-pajjiż tar-reġistrazzjoni, meta l-assigurazzjoni tkun relatata ma' vetturi ta' kwalunkwe tip;

(c) il-pajjiż fejn id-detenturi tal-poloz ikunu ħarġu l-polza fil-każ ta' poloz ta' erba' xhur jew anqas li jkopru riskji tal-ivvjaġġar jew ta' vaganza, tkun xi tkun il-klassi kkonċernata;

(d) il-pajjiż li fih jinsab il-kreditu/ir-riċevibbli, meta l-assigurazzjoni tkun relatata ma' kreditu/riċevibbli;

(e) fil-każijiet kollha mhux koperti espliċitament mill-punti (a), (b), (c) jew (d), il-pajjiż li fih jinsab kwalunkwe wieħed minn dawn:

(i) ir-residenza abitwali tad-detentur tal-polza; jew

(ii) jekk id-detentur tal-polza jkun persuna ġuridika, l-istabbiliment ta' dak id-detentur tal-polza li jkun relatat miegħu l-kuntratt.

Għall-finijiet ta' din il-formola u fil-każ ta' riassigurazzjoni proporzjonali jew mhux proporzjonali, il-"pajjiż li fih jinsab ir-riskju" tfisser il-pajjiż tal-lokalizzazzjoni tal-impriża ċedenti.

Meta jitqiesu l-obbligi mhux tal-ħajja:

(a) għandha tiġi rrapportata informazzjoni għall-pajjiż ta' oriġini u għall-aqwa ħames pajjiżi mhux ta' domiċilju (skont l-ammont tal-primjum gross sottoskritt), jew għal pajjiżi suffiċjenti (jekk anqas) sabiex jirrappreżentaw 90 % jew aktar tal-primjum gross sottoskritt totali; u

(b) għandhom jiġu inklużi l-linji operatorji kollha li ġejjin:

(i) Assigurazzjoni ta' spejjeż mediċi (riassigurazzjoni diretta u proporzjonali)

(ii) Assigurazzjoni tal-protezzjoni tal-introjtu (riassigurazzjoni diretta u proporzjonali)

(iii) Assigurazzjoni tal-kumpens għall-ħaddiema (riassigurazzjoni diretta u proporzjonali)

(iv) Assigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi bil-mutur (riassigurazzjoni diretta u proporzjonali)

(v) Assigurazzjoni ta' vetturi oħrajn (riassigurazzjoni diretta u proporzjonali)

(vi) Assigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport (riassigurazzjoni diretta u proporzjonali)

(vii) Assigurazzjoni kontra l-ħruq u ħsarat oħrajn lill-proprjetà (riassigurazzjoni diretta u proporzjonali)

(viii) Assigurazzjoni għal responsabbiltà ġenerali (riassigurazzjoni diretta u proporzjonali)

(ix) Assigurazzjoni tal-kreditu u garanzija (riassigurazzjoni diretta u proporzjonali)

(x) Assigurazzjoni ta' spejjeż legali (riassigurazzjoni diretta u proporzjonali)

(xi) Assistenza (riassigurazzjoni diretta u proporzjonali)

(xii) Assigurazzjoni tat-telf finanzjarju mixxellanju (riassigurazzjoni diretta u proporzjonali)

(xiii) Riassigurazzjoni tas-saħħa mhux proporzjonali

(xiv) Riassigurazzjoni tal-emerġenza mhux proporzjonali

(xv) Riassigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport mhux proporzjonali

(xvi) Riassigurazzjoni tal-proprjetà mhux proporzjonali

Meta jitqiesu l-obbligi tal-ħajja:

(a) għandha tiġi rrapportata informazzjoni għall-pajjiż ta' oriġini u għall-aqwa ħames pajjiżi mhux ta' domiċilju (skont l-ammont tal-primjum gross sottoskritt), jew għal pajjiżi suffiċjenti (jekk anqas) biex jirrappreżentaw 90 % jew aktar tal-primjum gross sottoskritt totali; u

(b) għandhom jiġu inklużi l-linji operatorji kollha li ġejjin:

(i) Assigurazzjoni tas-saħħa

(ii) Assigurazzjoni b'kondiviżjoni tal-profitti

(iii) Assigurazzjoni marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet

(iv) Assigurazzjoni oħra tal-ħajja

(v) Annwalitajiet li jirriżultaw minn kuntratti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u li huma relatati ma' obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa

(vi) Annwalitajiet li jirriżultaw minn kuntratti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u li huma relatati ma' obbligi tal-assigurazzjoni li ma humiex obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa

(vii) Riassigurazzjoni tas-saħħa

(viii) Riassigurazzjoni tal-ħajja

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Pajjiż ta' oriġini: Obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja		
C0010/R0020	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Primjum Gross Sottoskritt (dirett)	Il-primjums grossi sottoskritti għandu jkun fihom l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, irrispettivament mill-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jkunu relatati totalment jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment u għan-negozju dirett tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja.
C0010/R0021	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Primjum Gross Sottoskritt (riassigurazzjoni proporzjonali)	Il-primjums grossi sottoskritti għandu jkun fihom l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, irrispettivament mill-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jkunu relatati totalment jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti. Għan-negozju biss fejn ir-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ta' stabbiliment u għan-negozju tar-riassigurazzjoni proporzjonali mhux tal-ħajja.
C0010/R0022	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Primjum Gross Sottoskritt (riassigurazzjoni mhux proporzjonali)	Il-primjums grossi sottoskritti għandu jkun fihom l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, irrispettivament mill-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jkunu relatati totalment jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment u għan-negozju tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali mhux tal-ħajja.
C0010/R0030	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Primjum Gross Gwadanjat (dirett)	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti nieqes il-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment u għan-negozju dirett tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja.
C0010/R0031	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Primjum Gross Gwadanjat (riassigurazzjoni proporzjonali)	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti nieqes il-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati. Għan-negozju biss fejn ir-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ta' stabbiliment u għan-negozju tar-riassigurazzjoni proporzjonali mhux tal-ħajja.
C0010/R0032	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Primjum Gross Gwadanjat (riassigurazzjoni mhux proporzjonali)	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti nieqes il-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment u għan-negozju tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali mhux tal-ħajja.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010/R0040	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Pretensjonijiet imġarrba (diretti)	Pretensjonijiet imġarrba matul il-perjodu ta' rapportar kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE tal-Kunsill [1], meta applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma ta' pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja relatata ma' kuntratti tal-assigurazzjoni. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment u għan-negozju dirett tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja. Iċ-ċifra għall-pretensjonijiet imġarrba għandha teskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0010/R0041	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Pretensjonijiet imġarrba (riassigurazzjoni proporzjonali)	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif stabbilit fl-Artikolu 38 tad-Direttiva 91/674/KEE, meta applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma ta' pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja relatata ma' kuntratti tal-assigurazzjoni. Għan-negozju biss fejn ir-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ta' stabbiliment u għan-negozju tar-riassigurazzjoni proporzjonali mhux tal-ħajja. Iċ-ċifra għall-pretensjonijiet imġarrba għandha teskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0010/R0042	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Pretensjonijiet imġarrba (riassigurazzjoni mhux proporzjonali)	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif stabbilit fl-Artikolu 38 tad-Direttiva 91/674/KEE, meta applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma ta' pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja relatata ma' kuntratti tal-assigurazzjoni. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment u għan-negozju tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali mhux tal-ħajja. Iċ-ċifra għall-pretensjonijiet imġarrba għandha teskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0010/R0050	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Spejjeż Grossi Mġarrba (diretti)	L-ispejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-impriża matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment u għan-negozju dirett tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja.
C0010/R0051	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Spejjeż Grossi Mġarrba (riassigurazzjoni proporzjonali)	L-ispejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-impriża matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti. Għan-negozju biss fejn ir-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ta' stabbiliment u għan-negozju tar-riassigurazzjoni proporzjonali mhux tal-ħajja.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010/R0052	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Spejjeż Grossi Mġarrba (riassigurazzjoni mhux proporzjonali)	L-ispejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-impriża matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment u għan-negozju tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali mhux tal-ħajja.

L-aqwa ħames pajjiżi (skont l-ammont ta' primjums grossi sottoskritti): Obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja

R0010	Pajjiż	Kodiċi tal-pajjiż ISO 3166–1 alfa–2 li fih jinsab ir-riskju
C0020/R0020	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Primjum Gross Sottoskritt (dirett)	Il-primjums grossi sottoskritti għandu jkun fihom l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, irrispettivament mill-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jkunu relatati totalment jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għan-negozju dirett tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja.
C0020/R0021	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Primjum Gross Sottoskritt (riassigurazzjoni proporzjonali)	Il-primjums grossi sottoskritti għandu jkun fihom l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, irrispettivament mill-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jkunu relatati totalment jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għan-negozju tar-riassigurazzjoni proporzjonali mhux tal-ħajja.
C0020/R0022	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Primjum Gross Sottoskritt (riassigurazzjoni mhux proporzjonali)	Il-primjums grossi sottoskritti għandu jkun fihom l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, irrispettivament mill-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jkunu relatati totalment jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għan-negozju tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali mhux tal-ħajja.
C0020/R0030	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Primjum Gross Gwadanjat (dirett)	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti nieqes il-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għan-negozju dirett tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0020/R0031	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Primjum Gross Gwadanjat (riassigurazzjoni proporzjonali)	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti nieqes il-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għan-negozju tar-riassigurazzjoni proporzjonali mhux tal-ħajja.
C0020/R0032	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Primjum Gross Gwadanjat (riassigurazzjoni mhux proporzjonali)	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti nieqes il-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għal negozju tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali mhux tal-ħajja.
C0020/R0040	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Pretensjonijiet imġarrba (diretti)	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif stabbilit fl-Artikolu 38 tad-Direttiva 91/674/KEE, meta applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma ta' pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja relatata ma' kuntratti tal-assigurazzjoni. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għan-negozju dirett tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja. Iċ-ċifra għall-pretensjonijiet imġarrba għandha teskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0020/R0041	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Pretensjonijiet imġarrba (riassigurazzjoni proporzjonali)	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif stabbilit fl-Artikolu 38 tad-Direttiva 91/674/KEE, meta applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma ta' pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja relatata ma' kuntratti tal-assigurazzjoni. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għan-negozju tar-riassigurazzjoni proporzjonali mhux tal-ħajja. Iċ-ċifra għall-pretensjonijiet imġarrba għandha teskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0020/R0042	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Pretensjonijiet imġarrba (riassigurazzjoni mhux proporzjonali)	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif stabbilit fl-Artikolu 38 tad-Direttiva 91/674/KEE, meta applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma ta' pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja relatata ma' kuntratti tal-assigurazzjoni. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għal negozju tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali mhux tal-ħajja. Iċ-ċifra għall-pretensjonijiet imġarrba għandha teskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0020/R0050	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Spejjeż Grossi Mġarrba (diretti)	L-ispejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-impriża matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għan-negozju dirett tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja.
C0020/R0051	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Spejjeż Grossi Mġarrba (riassigurazzjoni proporzjonali)	L-ispejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-impriża matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għan-negozju tar-riassigurazzjoni proporzjonali mhux tal-ħajja.
C0020/R0052	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Spejjeż Grossi Mġarrba (riassigurazzjoni mhux proporzjonali)	L-ispejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-impriża matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għal negozju tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali mhux tal-ħajja.
Pajjiż ta' oriġini: Obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja		
C0030/R1020	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Primjum Gross Sottoskritt	Il-primjums grossi sottoskritti għandhom jikkonsistu fl-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, irrispettivament mill-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jkunu relatati totalment jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment u għan-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja (dirett u riassigurazzjoni).
C0030/R1030	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Primjum Gross Gwadanjat	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti nieqes il-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment u għan-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja (dirett u riassigurazzjoni).
C0030/R1040	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Pretensjonijiet imġarrba	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif stabbilit fl-Artikolu 38 tad-Direttiva 91/674/KEE, meta applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma ta' pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja relatata ma' kuntratti tal-assigurazzjoni. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment u għan-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja (dirett u riassigurazzjoni). Iċ-ċifra għall-pretensjonijiet imġarrba għandha teskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0030/R1050	Negozju li jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment: Spejjeż Grossi Mġarrba	L-ispejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-impriża matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż tal-istabbiliment u għan-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja (dirett u riassigurazzjoni).
L-aqwa ħames pajjiżi (skont l-ammont ta' primjums grossi sottoskritti): Obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja		
R1010	Pajjiż	Kodiċi tal-pajjiż ISO 3166–1 alfa–2 li fih jinsab ir-riskju
C0040/R1020	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Primjum Gross Sottoskritt	Il-primjums grossi sottoskritti għandu jkun fihom l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, irrispettivament mill-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jkunu relatati totalment jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għan-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja (diretta u riassigurazzjoni).
C0040/R1030	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Primjum Gross Gwadanjat	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti nieqes il-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għan-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja (diretta u riassigurazzjoni).
C0040/R1040	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Pretensjonijiet imġarrba	Pretensjonijiet imġarrba matul il-perjodu ta' rapportar kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE meta applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma ta' pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja relatata ma' kuntratti tal-assigurazzjoni. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għan-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja (diretta u riassigurazzjoni). Iċ-ċifra għall-pretensjonijiet imġarrba għandha teskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0040/R1050	Negozju li jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat: Spejjeż Grossi Mġarrba	L-ispejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-impriża matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti. Għan-negozju biss meta r-riskju jkun jinsab fil-pajjiż ikkunsidrat u għan-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja (diretta u riassigurazzjoni).

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 374, 31.12.1991, p. 7).

S.05.01 — Primjums, pretensjonijiet u spejjeż skont il-linja operatorja

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsima għandha x'taqsam mad-divulgazzjoni annwali tal-informazzjoni għal entitajiet individwali.

Din il-formola għandha tiġi rrapportata minn perspettiva ta' kontabbiltà, jiġifieri: GAAP lokali jew IFRS jekk aċċettat bħala GAAP lokali iżda bl-użu tal-linji operatorji SII. L-impriżi għandhom jużaw il-bażi tar-rikonoxximent u tal-valwazzjoni bħal fil-każ tar-rapporti finanzjarji ppubblikati, ma jkun meħtieġ l-ebda rikonoxximent ġdid jew rivalwazzjoni, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor f'dawn l-istruzzjonijiet, ħlief għall-klassifikazzjoni bejn kuntratti ta' investiment u kuntratti tal-assigurazzjoni jew rekwiżiti ta' rapportar differenti meta dan ikun applikabbli fir-rapporti finanzjarji. Dan il-mudell għandu jinkludi n-negozji kollha tal-assigurazzjoni irrispettivament mill-klassifikazzjoni differenti possibbli bejn il-kuntratti tal-investiment u l-kuntratti tal-assigurazzjoni applikabbli fir-rapporti finanzjarji.

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiddivulgaw primjums sottoskritti/gwadanjati kif definit fl-Artikolu 1(11) u (12) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 irrispettivament minn jekk jintużawx GAAP lokali jew IFRS.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja		
C0010 sa C0120/R0110	Primjums sottoskritti — Gross — Operazzjonijiet Diretti	Primjums grossi sottoskritti għandhom jinkludu l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni, li jirriżultaw minn operazzjonijiet diretti, minkejja l-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jkunu relatati kompletament jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti.
C0010 sa C0120/R0120	Primjums sottoskritti — Gross — Riassigurazzjoni proporzjonali aċċettata	Primjums grossi sottoskritti għandhom jinkludu l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni, li jirriżultaw minn operazzjoni ta' riassigurazzjoni proporzjonali aċċettata, irrispettivament mill-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jkunu relatati kompletament jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti.
C0130 sa C0160/R0130	Primjums sottoskritti — Gross — Riassigurazzjoni mhux proporzjonali aċċettata	Il-primjums grossi sottoskritti għandhom jinkludu l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni, li jirriżultaw minn operazzjoni ta' riassigurazzjoni mhux proporzjonali aċċettata, irrispettivament mill-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jkunu relatati kompletament jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti.
C0010 sa C0160/R0140	Primjums sottoskritti — Sehem tar-riassiguraturi	Il-primjums grossi sottoskritti għandhom jinkludu l-ammonti kollha ċeduti lil riassiguraturi matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni minkejja l-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jkunu relatati kompletament jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti.
C0010 sa C0160/R0200	Primjums sottoskritti — nett	Il-primjums netti sottoskritti jirrappreżentaw it-total tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati imnaqqas bl-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni.
C0010 sa C0120/R0210	Primjums gwadanjati — Gross — Operazzjonijiet Diretti	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati relatati ma' operazzjonijiet tal-assigurazzjoni diretti.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010 sa C0120/R0220	Primjums gwadanjati — Gross — Riassigurazzjoni proporzjonali aċċettata	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati relatati ma' operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni proporzjonali aċċettati.
C0130 sa C0160/R0230	Primjums gwadanjati — Gross — Riassigurazzjoni mhux proporzjonali aċċettata	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati relatati ma' operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali aċċettati.
C0010 sa C0160/R0240	Primjums gwadanjati — sehem tar-riassiguraturi	Is-somma tas-sehem tar-riassiguratur fil-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fis-sehem tar-riassiguratur fil-provvediment għal primjums mhux gwadanjati.
C0010 sa C0160/R0300	Primjums gwadanjati — Nett	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati relatati mas-somma tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati mnaqqsa bl-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni.
C0010 sa C0120/R0310	Pretensjonijiet Grossi mġarrba — Operazzjonijiet diretti	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif imsemmi fid-Direttiva 91/674/KEE, meta applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet matul is-sena finanzjarja (f'konformità mal-GAAP lokali jew l-IFRS użati) relatati ma' kuntratti tal-assigurazzjoni li jirriżultaw minn operazzjonijiet diretti. Dan għandu jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0010 sa C0120/R0320	Pretensjonijiet Grossi mġarrba — Riassigurazzjoni Proporzjonali aċċettata	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif imsemmi fid-Direttiva 91/674/KEE, meta applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet matul is-sena finanzjarja (f'konformità mal-GAAP lokali jew l-IFRS użati) relatati ma' kuntratti tal-assigurazzjoni li jirriżultaw mir-riassigurazzjoni proporzjonali grossa aċċettata. Dan għandu jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0130 sa C0160/R0330	Pretensjonijiet imġarrba — Gross — Riassigurazzjoni mhux proporzjonali aċċettata	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif imsemmi fid-Direttiva 91/674/KEE, meta applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet matul is-sena finanzjarja (f'konformità mal-GAAP lokali jew l-IFRS użati) relatati ma' kuntratti tal-assigurazzjoni li jirriżultaw mir-riassigurazzjoni mhux proporzjonali grossa aċċettata. Dan għandu jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010 sa C0160/R0340	Pretensjonijiet imġarrba — Sehem tar-riassiguraturi	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif imsemmi fid-Direttiva 91/674/KEE, meta applikabbli: huwa s-sehem tar-riassiguratur fis-somma tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet matul is-sena finanzjarja (f'konformità mal-GAAP lokali jew l-IFRS użati). Dan għandu jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0010 sa C0160/R0400	Pretensjonijiet imġarrba — Nett	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif imsemmi fid-Direttiva 91/674/KEE, meta applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet matul is-sena finanzjarja (f'konformità mal-GAAP lokali jew l-IFRS użati), relatati mas-somma tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati mnaqqsa bl-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni. Dan għandu jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0010 sa C0160/R0550	Spejjeż imġarrba	L-ispejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-impriża matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti.
C0200/R0110–R0550	Total	Total tal-entrati differenti għal-Linji Operazzjonali kollha.
C0200/R1200	Bilanċ - spejjeż/introjtu tekniċi oħrajn	Spejjeż/introjtu tekniċi netti mhux koperti mill-ispejjeż/introjtu msemmija hawn fuq u mnaqqsa bl-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni. Spejjeż/introjtu tekniċi oħrajn ma jinqasmux skont il-linji operatorji. Ma għandhiex tinkludi bidla fi provvedimenti tekniċi oħrajn u spejjeż/introjtu mhux tekniċi bħal taxxa, spejjeż tal-imgħax, telf fuq disponimenti, eċċ. L-ammont ta' spejjeż/introjtu tekniċi netti għandu jiġi rrapportat negattiv jekk l-ammont ta' introjtu tekniku jkun akbar mill-ammont ta' spejjeż tekniċi.
C0200/R1300	Spejjeż totali	Ammont tal-ispejjeż tekniċi kollha
Obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja		
C0210 sa C0280/R1410	Primjums sottoskritti — Gross	Il-primjums grossi sottoskritti għandhom jinkludu l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni, li jirriżultaw minn operazzjonijiet grossi, irrispettivament mill-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jirrigwardaw kompletament jew parzjalment sena finanzjarja futura. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti. Dawn jinkludu kemm operazzjonijiet diretti kif ukoll tar-riassigurazzjoni.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0210 sa C0280/R1420	Primjums sottoskritti — Sehem tar-riassiguraturi	Il-primjums grossi sottoskritti għandhom jinkludu l-ammonti kollha ċeduti lil riassiguraturi matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni minkejja l-fatt li dawn l-ammont jistgħu jirrigwardaw kompletament jew parzjalment sena finanzjarja futura. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti.
C0210 sa C0280/R1500	Primjums sottoskritti — nett	Il-primjums netti sottoskritti jirrappreżentaw it-total tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati imnaqqas bl-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni.
C0210 sa C0280/R1510	Primjums gwadanjati — Gross	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati relatati ma' operazzjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni diretti aċċettati.
C0210 sa C0280/R1520	Primjums gwadanjati — sehem tar-riassiguraturi	Is-sehem tar-riassiguratur fil-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fis-sehem tar-riassiguratur fil-provvediment għal primjums mhux gwadanjati.
C0210 sa C0280/R1600	Primjums gwadanjati — Nett	Is-somma tal-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati relatati massomma tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati mnaqqsa bl-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni.
C0210 sa C0280/R1610	Pretensjonijiet imġarrba — Gross	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif imsemmi fid-Direttiva 91/674/KEE: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet matul is-sena finanzjarja (f'konformità mal-GAAP lokali jew l-IFRS użati), relatati ma' kuntratti tal-assigurazzjoni li jirriżultaw minn operazzjonijiet diretti u ta' riassigurazzjoni. Dan għandu jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0210 sa C0280/R1620	Pretensjonijiet imġarrba — Sehem tar-riassiguraturi	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif imsemmi fid-Direttiva 91/674/KEE: huwa s-sehem tar-riassiguratur fis-somma tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet matul is-sena finanzjarja (f'konformità mal-GAAP lokali jew l-IFRS użati). Dan għandu jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0210 sa C0280/R1700	Pretensjonijiet imġarrba — Nett	Pretensjonijiet imġarrba fil-perjodu ta' rapportar kif imsemmi fid-Direttiva 91/674/KEE: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser it-total tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment għal pretensjonijiet matul is-sena finanzjarja, fir-rigward tat-total tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati bit-tnaqqis tal-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni. Dan għandu jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0210 sa C0280/R1900	Spejjeż imġarrba	L-ispejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-impriża matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti.
C0300/R1410–R1900	Total	Total tal-entrati differenti għal-linji operatorji tal-ħajja kollha.
C0300/R2500	Bilanċ - spejjeż/introjtu tekniċi oħrajn	Spejjeż/introjtu tekniċi netti mhux koperti mill-ispejjeż/introjtu msemmija hawn fuq u mnaqqsa bl-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni. Spejjeż/introjtu tekniċi oħrajn ma jinqasmux skont il-linji operatorji. Ma għandhiex tinkludi bidla fi provvedimenti tekniċi oħrajn u spejjeż/introjtu mhux tekniċi bħal taxxa, spejjeż tal-imgħax, telf fuq disponimenti, eċċ. L-ammont ta' spejjeż/introjtu tekniċi netti għandu jiġi rrapportat negattiv jekk l-ammont ta' introjtu tekniku jkun akbar mill-ammont ta' spejjeż tekniċi.
C0300/R2600	Spejjeż totali	Ammont tal-ispejjeż tekniċi kollha
C0210 sa C0280/R2700	Ammont totali ta' ċedimenti	Dan l-ammont jirrappreżenta l-ammont totali ta' ċedimenti li seħħew matul is-sena. Dan l-ammont jiġi divulgat ukoll taħt pretensjonijiet imġarrba (entrata R1610).

S.12.01 — Provvedimenti Tekniċi tal-Ħajja u s-Saħħa SLT

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsima għandha x'taqsam mad-divulgazzjoni annwali tal-informazzjoni għal entitajiet individwali.

L-impriżi jistgħu, fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, japplikaw approssimazzjonijiet xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. Barra minn hekk, l-Artikolu 59 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 jista' jiġi applikat sabiex jiġi kkalkolat il-marġni ta' riskju matul is-sena finanzjarja.

Linja Operatorja għal obbligi tal-ħajja: Il-linji operatorji, imsemmija fl-Artikolu 80 tad-Direttiva 2009/138/KE, kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. Is-segmentazzjoni għandha tirrifletti n-natura tar-riskji sottostanti l-kuntratt (sustanza) u mhux il-forma legali tal-kuntratt (forma). B'mod prestabbilit, meta kuntratt tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkopri riskji fil-linji operatorji kollha, l-impriżi għandhom, meta possibbli, jiddiżaggregaw l-obbligi fil-linji operatorji xierqa (l-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35).

Linji operatorji "Assigurazzjoni marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet", "Assigurazzjoni oħra tal-ħajja" u "Assigurazzjoni tas-saħħa" huma maqsuma bejn "Kuntratti mingħajr opzjonijiet u garanziji" u "Kuntratti b'opzjonijiet jew garanziji". Għal din il-qasma għandu jiġi kkunsidrat dan li ġej:

(a) "Kuntratti mingħajr opzjonijiet u garanziji" jinkludu l-ammonti relatati ma' kuntratti mingħajr ebda garanzija finanzjarja jew opzjoni kuntrattwali, li jfisser li l-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi ma jirriflettix l-ammont ta' kwalunkwe garanzija finanzjarja jew opzjoni kuntrattwali.

(b) Il-kuntratti b'opzjonijiet kuntrattwali mhux materjali jew garanziji finanzjarji li ma jkunux riflessi fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi għandhom jiġu ddivulgati f'din il-kolonna wkoll;

(c) Il-"kuntratti b'opzjonijiet jew garanziji" jinkludu kuntratti li jew għandhom garanziji finanzjarji, opzjonijiet kuntrattwali, jew it-tnejn li huma sa fejn il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jirrifletti l-eżistenza ta' dawk il-garanziji finanzjarji jew l-opzjonijiet kuntrattwali.

L-informazzjoni ddivulgata għandha tkun grossa mir-riassigurazzjoni peress li informazzjoni dwar rekuperabbli minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite hija mitluba f'ringieli speċifiċi.

L-informazzjoni li għandha tiġi divulgata bejn R0010 u R0100 għandha tkun wara l-aġġustament għall-volatilità, l-aġġustament għall-korrispondenza u aġġustament tranżizzjonali għall-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti jekk jiġu applikati iżda ma tinkludix it-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. L-ammont ta' tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi huwa meħtieġ separatament bejn ir-ringieli R0110 u R0130.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom		
C0020, C0030, C0060, C0090, C0100, C0160, C0190, C0200/ R0010	Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom	Ammont ta' provvedimenti tekniċi kkalkolati bħala element wieħed għal kull linja operatorja, kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0010	Provvedimenti tekniċi kkalkolati bħala element wieħed — Total (tal-Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	Ammont totali ta' provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għall-Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unità
C0210/R0010	Provvedimenti tekniċi kkalkolati bħala element wieħed — Total (tas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja)	L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom għas-saħħa SLT.
C0020, C0030, C0060, C0090, C0100 to C0140, C0160, C0190, C0200/ R0020	Ir-rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/minn SPV (strument ta' għan speċjali) u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjat mal-PT fl-intier tagħhom	L-ammont tar-rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti tal-provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom għal kull linja operatorja, kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0020	Ir-rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjat mal-PT fl-intier tagħhom — Total (assigurazzjoni tal-Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inkluża dik Marbuta ma' Unitajiet)	L-ammont totali ta' rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite ("Finite Re") wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti tal-provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom għall-Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inkluża dik Marbuta ma' Unitajiet.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0210/R0020	Ir-rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjat mal-PT, ikkalkulati fl-intier tagħhom — Total (tas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja)	L-ammont totali ta' rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti ta' provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja.
Provvedimenti tekniċi kalkulati bħala somma tal-aħjar stima u marġni ta' riskju		
C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100 sa C0140, C0170, C0180, C0190, C0200/R0030	Provvedimenti tekniċi kalkulati bħala somma tal-Aħjar Stima u Marġni ta' riskju, l-Aħjar Stima Gross	Ammont tal-Aħjar Stima Gross (mingħajr it-tnaqqis ta' riassigurazzjoni, ta' SPVs u ta' riassigurazzjoni Finite f'konformità mal-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2009/138/KE) għal kull linja operatorja, kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0030	Provvedimenti tekniċi kkalkolati bħala s-somma tal-Aħjar Stima u RM, l-Aħjar Stima Gross — Total (tal-Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	Ammont totali tal-Aħjar Stima Gross (mingħajr it-tnaqqis ta' riassigurazzjoni, ta' SPVs u ta' riassigurazzjoni Finite f'konformità mal-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2009/138/KE) għall-Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet.
C0210/R0030	Provvedimenti tekniċi kkalkolati bħala s-somma tal-Aħjar Stima u RM, l-Aħjar Stima Gross — Total (tas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja)	L-ammont totali tal-Aħjar Stima Gross (mingħajr it-tnaqqis ta' riassigurazzjoni, ta' SPVs u ta' riassigurazzjoni Finite f'konformità mal-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2009/138/KE) għas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja.
C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100 sa C0140, C0170, C0180, C0190, C0200/R0040	Ir-rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti	L-ammont ta' Rekuperabbli wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif stabbilit fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluża riassigurazzjoni intragrupp ċeduta, għal kull linja operatorja, kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0150/R0080	Ir-rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti — Total (tal-Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	L-ammont totali ta' Rekuperabbli wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif definit fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluża riassigurazzjoni ċeduta intragrupp, għall-Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet.
C0210/R0080	Ir-rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti — Total (tas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja)	L-ammont totali ta' Rekuperabbli wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif definit fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluża riassigurazzjoni ċeduta intragrupp, għas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-Ħajja.
C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100, C0170, C0180, C0190, C0200/R0090	L-aħjar stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite	Ammont tal-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV kull Linja Operatorja
C0150/R0090	L-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoini Finite — Total (tal-Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	L-ammont totali tal-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite, għal tal-Ħajja għajr l-assigurazzjoni tas-saħħa, inkluża dik Marbuta ma' Unitajiet.
C0210/R0090	L-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite — Total (tas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja)	Ammont totali tal-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite għal assigurazzjoni tas-Saħħa simili għal dik tal-ħajja.
C0020, C0030, C0060, C0090, C0100 to C0140, C0160, C0190, C0200/R0100	Marġni ta' riskju	Ammont tal-Marġni ta' riskju, kif imsemmi fl-Artikolu 77(3) tad-Direttiva 2009/138/KE għal kull linja operatorja, kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0150/R0100	Marġni ta' Riskju — Total (tal-Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	Ammont totali ta' Marġni ta' Riskju għall-Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet.
C0210/R0100	Marġni ta' Riskju — Total (tas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja)	Ammont totali ta' Marġni ta' Riskju għal Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja.
Provvedimenti tekniċi — Total		
C0020, C0030, C0060, C0090, C0100, C0160, C0190, C0200/ R0200	Provvedimenti tekniċi — Total	L-ammont totali ta' Provvedimenti Tekniċi għal kull linja operatorja, kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, inklużi l-provvedimenti tekniċi kkalkolati bħala element wieħed u wara t-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi.
C0150/R0200	Provvedimenti tekniċi — Total (tal-Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inkluża dik Marbuta ma' Unitajiet)	L-ammont totali ta' Provvedimenti Tekniċi għall-Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet, inklużi provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom u wara t-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi.
C0210/R0200	Provvedimenti tekniċi — Total (tas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja)	L-ammont totali ta' Provvedimenti Tekniċi għal Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja, inklużi l-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom u wara t-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi.

S.17.01 — Provvedimenti Tekniċi Mhux tal-Ħajja

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsima għandha x'taqsam mad-divulgazzjoni annwali tal-informazzjoni għal entitajiet individwali.

L-impriżi jistgħu japplikaw approssimazzjonijiet xierqa fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi kif imsemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. Barra minn hekk, l-Artikolu 59 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 jista' jiġi applikat sabiex jiġi kkalkolat il-marġni ta' riskju matul is-sena finanzjarja.

Linja operatorja għal obbligi mhux tal-ħajja: Il-linji operatorji, imsemmija fl-Artikolu 80 tad-Direttiva 2009/138/KE, kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 isemmu l-operazzjonijiet diretti/r-riassigurazzjoni proporzjonali aċċettata u r-riassigurazzjoni mhux proporzjonali aċċettata. Is-segmentazzjoni għandha tirrifletti n-natura tar-riskji sottostanti l-kuntratt (sustanza) u mhux il-forma legali tal-kuntratt (forma).

L-operazzjonijiet tal-assigurazzjoni diretta tas-saħħa għajr dawk imwettqa fuq bażi simili għal dik tal-assigurazzjoni tal-ħajja għandhom jitqassmu fil-linji operatorji ta' Mhux tal-Ħajja, kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, il-punti 1 sa 3.

Riassigurazzjoni proporzjonali aċċettata għandha titqies flimkien mal-operazzjonijiet diretti f'C0020 sa C0130.

L-informazzjoni li għandha tiġi divulgata bejn R0010 u R0280 għandha tkun wara l-aġġustament għall-volatilità, l-aġġustament għall-korrispondenza u aġġustament tranżizzjonali għall-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti jekk jiġu applikati iżda ma tinkludix it-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. L-ammont tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi huwa meħtieġ separatament bejn ir-ringieli R0290 u R0310.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom		
C0020 sa C0170/R0010	Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom	L-ammont ta' provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, fir-rigward ta' operazzjonijiet diretti u aċċettati. Dan l-ammont għandu jkun gross bi kwalunkwe rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni/tal-SPV u tar-riassigurazzjoni Finite relatati ma' dawn l-operazzjonijiet.
C0180/R0010	Provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — Obbligu Totali Mhux tal-Ħajja	L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom fir-rigward ta' operazzjonijiet diretti u aċċettati. Dan l-ammont għandu jkun gross bi kwalunkwe rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni/tal-SPV u tar-riassigurazzjoni Finite relatati ma' dawn l-operazzjonijiet.
C0020 sa C0170/R0050	Ir-rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/minn SPV (strument ta' għan speċjali) u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjat mal-PT fl-intier tagħhom	L-ammont ta' r-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti tal-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0180/R0050	Ir-rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjat mal-PT, ikkalkulati fl-intier tagħhom	L-ammont totali, għal-linji operatorji kollha, ta' r-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti tal-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
Provvedimenti tekniċi kkalkolati bħala somma tal-aħjar stima u marġni ta' riskju — L-Aħjar Stima		
C0020 sa C0170/R0060	L-aħjar stima ta' provvedimenti għall-primjums, Gross, totali	L-ammont tal-aħjar stima għall-provvedimenti għall-primjums, gross bl-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni, strumenti ta' għan speċjali u riassigurazzjoni finite, għal kull linja operatorja fir-rigward tal-operazzjonijiet diretti u aċċettati.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0180/R0060	Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, l-Aħjar Stima ta' provvedimenti għall-Primjums, Gross, totali	L-ammont totali tal-aħjar stima għall-provvedimenti għall-primjums, gross bl-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni, strumenti ta' għan speċjali u riassigurazzjoni finite, fir-rigward tal-operazzjonijiet diretti u aċċettati.
C0020 sa C0170/R0140	L-Aħjar Stima tal-provvedimenti għall-Primjums, Rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata	L-ammont ta' rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti, għal kull linja operatorja fir-rigward tal-operazzjonijiet diretti u operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni aċċettata.
C0180/R0140	Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, l-aħjar stima tal-Provvedimenti għall-primjums, Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti	L-ammont totali ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti, b'referenza għall-aħjar stima għall-provvedimenti għall-primjums.
C0020 sa C0170/R0150	L-aħjar stima netta tal-Provvedimenti għall-primjums — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata	L-ammont tal-aħjar stima netta għall-provvedimenti għall-primjums, għal kull linja operatorja.
C0180/R0150	Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, l-Aħjar Stima netta tal-Provvedimenti għall-Primjums	L-ammont totali tal-aħjar stima netta għall-provvedimenti tal-primjum.
C0020 sa C0170/R0160	L-aħjar stima tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet, Gross, Totali	L-ammont tal-aħjar stima għall-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet, gross bl-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni, strumenti ta' għan speċjali u riassigurazzjoni finite, għal kull linja operatorja fir-rigward tal-operazzjonijiet diretti u aċċettati.
C0180/R0160	Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, l-Aħjar Stima ta' provvedimenti għall-Pretensjonijiet, Gross, totali	L-ammont totali tal-aħjar stima għall-provvedimenti għall-Pretensjonijiet, gross bl-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni, strumenti ta' għan speċjali u riassigurazzjoni finite.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0020 sa C0170/R0240	L-Aħjar Stima tal-Provvedimenti għall-pretensjonijiet, rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata	L-ammont rekuperabbli minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti, għal kull linja operatorja fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata
C0180/R0240	Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, l-aħjar stima tal-Provvedimenti għall-diretti u operazzjonijiet, Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti	L-ammont totali ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti, b'referenza għall-aħjar stima għall-provvedimenti għall-pretensjonijiet.
C0020 sa C0170/R0250	L-aħjar stima netta tal-Provvedimenti għall-pretensjonijiet — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata	L-ammont tal-aħjar stima netta għall-provvedimenti għall-pretensjonijiet, għal kull linja operatorja fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati.
C0180/R0250	Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, l-Aħjar Stima netta tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet	L-ammont totali tal-aħjar stima netta għall-provvedimenti tal-pretensjonijiet.
C0020 sa C0170/R0260	L-aħjar stima totali, Gross — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata	L-ammont tal-Aħjar stima gross totali, għal kull linja operatorja fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati.
C0180/R0260	Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, Total tal-Aħjar Stima, Gross	L-ammont totali tal-Aħjar Stima Gross (somma tal-Provvedimenti għall-Primjums u tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet).
C0020 sa C0170/R0270	L-aħjar stima totali, Nett — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata	L-ammont tal-Aħjar stima nett totali, għal kull linja operatorja fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati.
C0180/R0270	Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, Total tal-Aħjar Stima, Nett	L-ammont totali tal-Aħjar Stima Nett (somma tal-Provvedimenti għall-Primjums u tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet).

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0020 sa C0170/R0280	Provvedimenti tekniċi kkalkolati bħala somma tal-aħjar stima u marġni ta' riskju — Marġni ta' riskju	L-ammont ta' marġni ta' riskju, kif meħtieġ mid-Direttiva 2009/138/KE (l-Artikolu 77(3)). Il-marġni ta' riskju jiġi kalkulat għall-portafoll kollu tal-obbligi ta' (ri)assigurazzjoni u mbagħad allokat lil kull linja operatorja individwali, fir-rigward tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni aċċettati.
C0180/R0280	Obbligi Mhux tal-Ħajja totali, Marġni ta' riskju totali	L-ammont totali ta' marġni ta' riskju, kif meħtieġ mid-Direttiva 2009/138/KE (l-Artikolu 77(3)).
Provvedimenti tekniċi — Total		
C0020 sa C0170/R0320	Provvedimenti tekniċi, Total — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata	L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi grossi, għal kull linja operatorja fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata, inklużi l-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom u wara t-tnaqqis tat-tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi.
C0180/R0320	Obbligi Mhux tal-Ħajja totali, Provvedimenti tekniċi — total	L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi grossi, fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettat, inklużi l-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom u wara t-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi.
C0020 sa C0170/R0330	Provvedimenti tekniċi, Total — Rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata	L-ammont totali ta' rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti, għal kull linja operatorja fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati.
C0180/R0330	Obbligi Mhux tal-Ħajja totali, rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni/ta' SPV u ta' riassigurazzjoni Finite, wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata	L-ammont totali ta' rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti, fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0020 sa C0170/R0340	Provvedimenti tekniċi, Total — Provvedimenti tekniċi bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/minn SPV u minn riassigurazzjoni Finite — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata	L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi netti, għal kull linja operatorja fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata, inklużi l-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom u wara t-tnaqqis tat-tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi.
C0180/R0340	Obbligi Mhux tal-Ħajja totali, Provvedimenti tekniċi bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni u SPV — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata	L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi netti, fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettat, inklużi l-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom u wara t-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi.

S.19.01 — Pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja

Din it-taqsima għandha x'taqsam mad-divulgazzjoni annwali tal-informazzjoni għal entitajiet individwali.

Triangoli tal-iżvilupp tal-pretensjonijiet juru l-istima tal-assiguratur tal-kost tal-pretensjonijiet (pretensjonijiet imħallsa u provvedimenti għall-pretensjonijiet skont il-prinċipju tal-valwazzjoni tas-Solvenza II) u kif din l-istima tiżviluppa tul iż-żmien.

L-impriżi huma meħtieġa jiddivulgaw *data* fuq il-bażi tas-sena ta' inċident jew sottoskrizzjoni, f'konformità ma' kwalunkwe rekwiżit tal-Awtorità Superviżjora Nazzjonali. Jekk l-Awtorità Superviżorja Nazzjonali ma tkunx stipulat liema għandha tintuża, allura l-impriża tista' tuża s-sena tal-aċċident jew tas-sottoskrizzjoni skont kif huma jiġġestixxu kull linja operatorja, dment li dawn jużaw l-istess sena b'mod konsistenti, fuq bażi annwali.

Din il-formula għandha tiġi divulgata għat-total tan-negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja iżda għandha titqassam skont is-sena tas-sottoskrizzjoni u s-sena tal-inċident jekk l-impriża tuża bażijiet differenti.

It-tul prestabbilit ta' triangolu run-off huwa ta' 10 + 1 snin iżda r-rekwiżit ta' divulgazzjoni huwa bbażat fuq l-iżvilupp tal-pretensjonijiet tal-impriża (jekk it-tul taċ-ċiklu tas-saldu tal-pretensjonijiet ikun iqsar minn 10 snin, l-impriżi huma meħtieġa jiddivulgaw skont l-iżvilupp intern iqsar).

Id-*data* storika, li tibda mill-ewwel applikazzjoni tas-Solvenza II, hija meħtieġa għall-pretensjonijiet imħallsa (jiġifieri għandu jiġi divulgat is-sett sħiħ) iżda mhux l-Aħjar Stima tal-Provvedimenti tal-Pretensjonijiet. Għall-kumpilazzjoni tad-*data* storika għal pretensjonijiet imħallsa l-istess approċċ rigward it-tul tat-trijanglu għad-divulgazzjoni kurrenti se jiġi applikat (jiġifieri l-iqsar bejn 10 + 1 snin u ċ-ċiklu tas-saldu tal-pretensjonijiet tal-impriża).

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Z0020	Sena tal-aċċident jew sena tas-sottoskrizzjoni	Iddivulga l-istandard użat mill-impriżi għad-divulgazzjoni tal-iżvilupp tal-pretensjonijiet. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin minn din il-lista magħluqa: 1 — Sena tal-aċċident 2 — Sena tas-sottoskrizzjoni

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010 sa C0110/R0100 sa R0250	Pretensjonijiet Imħallas Gross (mhux kumulattiv) — Triangolu	Pretensjonijiet Imħallsa Gross, nett mis-salvataġġ u s-surroga, eskluż l-ispejjeż, fi triangolu li juri l-iżviluppi tal-pagamenti grossi tal-pretensjonijiet li diġà saru: għal kull waħda mis-snin ta' aċċident/sottoskrizzjoni minn N–9 (u qabel) u l-perjodi ta' rapportar preċedenti kollha għal — inkluż — N (l-aħħar sena ta' rapportar) irrapporta l-pagamenti li diġà saru korrispondenti f'kull sena ta' żvilupp (li huwa d-dewmien bejn id-data tal-aċċident/tas-sottoskrizzjoni u d-data tal-ħlas). Id-*data* tkun f'ammont assolut, mhux kumulattiv u mhux skontat.
minn C0170/R0100 sa R0260	Pretensjonijiet Grossi Mħallsa (mhux kumulattivi) — Fis-sena attwali	Total "Sena attwali" jirrifletti l-aħħar dijagonali (id-*data* kollha b'referenza għall-aħħar sena ta' rapportar) minn R0100 sa R0250. R0260 hija t-total ta' R0100 sa R0250.
C0180/R0100 sa R0260	Pretensjonijiet Grossi Mħallsa — Somma tas-snin (kumulattiv)	Total tas-"Somma tas-snin" fiha s-somma tad-*data* kollha fir-ringieli (is-somma tal-pagamenti kollha b'referenza għas-sena tal-aċċident/tas-sottoskrizzjoni), inkluż it-total.
C0200 sa C0300/R0100 sa R0250	L-Aħjar Stima mhux skontata Gross tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet — Triangolu	Triangoli tal-aħjar stima mhux skontata tal-provvedimenti għall-pretensjonijiet, gross mir-riassigurazzjoni għal kull sena ta' aċċident/sottoskrizzjoni minn N-9 (u qabel) u għal perjodi ta' rapportar preċedenti kollha — inkluż — N (l-aħħar sena ta' rapportar). L-aħjar stima tal-provvedimenti għall-pretensjonijiet tirrelata ma' avvenimenti li seħħew fid-data tal-valwazzjoni jew qabel, irrispettivament minn jekk il-pretensjonijiet li jirriżulatw minn dawn l-avvenimenti ġewx rappurtati jew le. Id-*data* hija f'ammont assolut, mhux kumulattiva u mhux imħallsa, netta mis-salvataġġ u mis-surroga u eskluża kwalunkwe spiża kif ukoll kwalunkwe primjum futur.
C0360/R0100 sa R0260	L-Aħjar Stima Grossa tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet — Tmiem is-sena (id-*data* skontata)	Total ta' "Tmiem is-sena" jirrifletti l-aħħar dijagonali iżda mhux fuq baži skontata (id-*data* kollha b'referenza għall-aħħar sena ta' rapportar) minn R0100 sa R0250. R0260 hija t-total ta' R0100 sa R0250.

S.22.01 — L-impatt tal-miżuri tal-garanziji u t-tranżizzjonali fit-tul

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsima għandha x'taqsam mad-divulgazzjoni annwali tal-informazzjoni għal entitajiet individwali.

Din il-formula hija rilevanti meta l-impriża tuża mill-inqas miżura waħda ta' garanzija jew tranżizzjonali fit-tul.

Din il-formula għandha tirrifletti l-impatt fuq il-pożizzjonijiet finanzjarji meta ma tintużax tranżizzjonali u kull miżura LTG jew tranżizzjonali tkun żero. Għal dak l-għan, għandu jiġi segwit approċċ pass pass fejn il-miżuri tranżizzjonali u LTG jitneħħew waħda waħda u mingħajr ma jiġi rikalkulat l-impatt tal-miżuri li jifdal wara kull pass.

L-impatti jridu jiġu divulgati fil-pożittiv jekk iżidu l-ammont tal-entrata li tkun qed tiġi divulgati u fin-negattiv jekk inaqqsu l-ammont tal-entrata (pereż. jekk l-ammont ta' RKS jiżdied jew jekk l-ammont ta' Fondi Proprji jiżdied allura għandhom jiġu divulgati valuri pożittivi).

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010/R0010	L-ammont ta' miżuri ta' Garanzija fuq Terminu Twil u tranżizzjonali — Provvedimenti Tekniċi	L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi grossi inklużi miżuri ta' garanzija fit-tul u miżuri tranżitorji
C0030/R0010	L-impatt tat-tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi – Provvedimenti Tekniċi	L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni ta' miżura tranżitorja fuq il-provvedimenti tekniċi. Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżitorju fil-provvedimenti tekniċi u l-provvedimenti tekniċi b'miżuri ta' garanzija fit-tul u b'miżuri tranżitorji
C0050/R0010	L-impatt tat-tranżizzjonali fuq ir-rata tal-imgħax – Provvedimenti Tekniċi	L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżitorju fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti. Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi.
C0070/R0010	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Provvedimenti tekniċi	L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.
C0090/R0010	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Provvedimenti Tekniċi	L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament ta' korrispondenza jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra.
C0010/R0020	L-ammont ta' miżuri ta' Garanzija fuq Terminu Twil u tranżizzjonali — Fondi proprji bażiċi	L-ammont totali ta' fondi proprji bażiċi kalkulat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0030/R0020	L-impatt tat-tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — Fondi proprji bażiċi	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi kkalkolati meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi u fil-fondi proprji bażiċi kkalkulati meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi bil-garanzija fit-tul ("LTG") u l-miżuri tranżizzjonali.
C0050/R0020	L-impatt tat-tranżizzjonali fuq ir-rata tal-imgħax – Fondi proprji bażiċi	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi ikkalkulati filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-fondi proprji bażiċi ikkalkulati bil-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi.
C0070/R0020	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Fondi proprji bażiċi	L-ammont tal-aġġustament fil-Fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.
C0090/R0020	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Fondi proprji bażiċi	L-ammont tal-aġġustament fil-Fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament ta' korrispondenza jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra.
C0010/R0050	L-ammont b'miżuri ta' Garanzija fuq Terminu Twil u tranżizzjonali — Fondi proprji eleġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont totali ta' fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS kalkulat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0030/R0050	L-impatt tat-tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — Fondi proprji eleġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS kalkulati meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi u l-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS ikkalkulati meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi b'LTG u miżuri tranżizzjonali.
C0050/R0050	L-impatt tat-tranżizzjonali fuq ir-rata tal-imgħax — Fondi proprji eleġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi.
C0070/R0050	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Fondi proprji eleġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.
C0090/R0050	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Fondi proprji eleġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament ta' korrispondenza jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli sabiex jiġi ssodisfat ir-RKS ikkalkolat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżizzjonali l-oħrajn kollha, u l-fondi proprji eliġibbli sabiex jiġi ssodisfat ir-RKS ikkalkolat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżizzjonali oħrajn.
C0010/R0090	L-ammont b'miżuri ta' Garanzija fuq Terminu Twil u tranżizzjonali — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont totali ta' RKS kalkulat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0030/R0090	L-impatt tat-tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS kalkulat meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi u fir-RKS ikkalkulati meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi b'miżuri LTG u tranżizzjonali.
C0050/R0090	L-impatt tat-tranżizzjonali fuq ir-rata tal-imgħax — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS ikkalkolat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u r-RKS ikkalkolat bil-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżizzjonali għall-provvedimenti tekniċi.
C0070/R0090	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u r-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.
C0090/R0090	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament ta' korrispondenza jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u r-RKS ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra.
C0010/R0100	L-ammont b'miżuri ta' Garanzija fuq Terminu Twil u tranżizzjonali — Fondi proprji eleġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont totali ta' fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKM kalkulat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0030/R0100	L-impatt tat-tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — Fondi proprji eleġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKM minħabba l-applikazzjoni ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKM kalkulati meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi u jqis il-provvedimenti tekniċi b'LTG u miżuri tranżizzjonali.
C0050/R0100	L-impatt tat-tranżizzjonali fuq ir-rata tal-imgħax — Fondi proprji eleġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKM minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKM kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKM kkalkulat bil-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi.
C0070/R0100	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Fondi proprji eleġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKM minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKM filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKM filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.
C0090/R0100	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Fondi proprji eleġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKM minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament ta' korrispondenza jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli sabiex jiġi ssodisfat ir-RKM ikkalkolat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżizzjonali l-oħrajn kollha, u l-fondi proprji eliġibbli sabiex jiġi ssodisfat ir-RKM ikkalkolat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżizzjonali oħrajn.
C0010/R0110	L-ammont b'miżuri ta' Garanzija fuq Terminu Twil u tranżizzjonali — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont totali ta' RKM kalkulat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0030/R0110	L-impatt tat-tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — Rekwiżit Kapitali Minimu	L-ammont tal-aġġustament fir-RKM minħabba l-applikazzjoni ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKM kalkulat meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi u jqis il-provvedimenti tekniċi b'miżuri LTG u tranżizzjonali.
C0050/R0110	L-impatt tat-tranżizzjonali fuq ir-rata tal-imgħax — Rekwiżit Kapitali Minimu	L-ammont tal-aġġustament fir-RKM minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKM ikkalkolat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u r-RKM ikkalkolat bil-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżizzjonali għall-provvedimenti tekniċi.
C0070/R0110	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Rekwiżit Kapitali Minimu	L-ammont tal-aġġustament fir-RKM minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKM filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u r-RKM filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.
C0090/R0110	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Rekwiżit Kapitali Minimu	L-ammont tal-aġġustament fir-RKM minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament ta' korrispondenza jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKM ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u ir-RKM ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra.

S.23.01 — Fondi Proprji

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsima għandha x'taqsam mad-divulgazzjoni annwali tal-informazzjoni għal entitajiet individwali.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Fondi proprji bażiċi qabel it-tnaqqis għal parteċipazzjonijiet f'setturi finanzjarji oħrajn kif stabbilit fl-Artikolu 68 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35		
C0050/R0070	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għall-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni proporzjonali marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0060/R0070	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għall-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni proporzjonali marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.
C0030/R0080	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali kontra n-nirien u ħsarat oħra fil-proprjetà — L-aħjar stima nett (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għal assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali kontra n-nirien u ħsarat oħra fil-proprjetà, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.
C0040/R0080	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali kontra n-nirien u ħsarat oħra fil-proprjetà— Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għal assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali kontra n-nirien u ħsarat oħra fil-proprjetà matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara t-tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.
C0050/R0080	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali kontra nirien u ħsarat oħra lil proprjetà — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għall-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni proporzjonali kontra nirien u ħsarat oħra lil proprjetà, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0060/R0080	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali kontra nirien u ħsarat oħra lil proprjetà — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għall-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni proporzjonali kontra nirien u ħsarat oħra lil proprjetà matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0030/R0090	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tar-responsabbiltà ġenerali — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għal assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tar-responsabbiltà ġenerali, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.
C0040/R0090	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tar-responsabbiltà ġenerali — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għal assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tar-responsabbiltà ġenerali matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.
C0050/R0090	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tar-responsabbiltà ġenerali — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għall-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni proporzjonali tar-responsabbiltà ġenerali, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0060/R0090	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tar-responsabbiltà ġenerali — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għall-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni proporzjonali tar-responsabbiltà ġenerali matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.
C0030/R0100	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tal-kreditu u l-garanziji — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għal assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tal-kreditu u l-garanziji, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.
C0040/R0100	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tal-kreditu u l-garanziji — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għal assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tal-kreditu u l-garanziji matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0050/R0100	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tal-kreditu u l-garanziji — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għall-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni proporzjonali tal-kreditu u l-garanziji, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0060/R0100	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tal-kreditu u l-garanziji — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) fl-aħħar 12-il xahar — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għall-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni proporzjonali tal-kreditu u l-garanziji matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu eskluży mill-primjums sottoskritti.
C0030/R0110	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tal-ispejjeż legali — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għal assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tal-ispejjeż legali, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.
C0040/R0110	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tal-ispejjeż legali — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għal assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tal-ispejjeż legali matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu eskluży mill-primjums sottoskritti.
C0050/R0110	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tal-ispejjeż legali — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għall-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni proporzjonali tal-ispejjeż legali, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0060/R0110	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tal-ispejjeż legali — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għall-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni proporzjonali tal-ispejjeż legali matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu eskluży mill-primjums sottoskritti.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0030/R0120	Assistenza u riassigurazzjoni proporzjonali — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għall-assistenza u r-riassigurazzjoni proporzjonali tagħha, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.
C0040/R0120	Assistenza u riassigurazzjoni proporzjonali — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għall-assistenza u riassigurazzjoni proporzjonali tagħha matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.
C0050/R0120	Assistenza u riassigurazzjoni proporzjonali — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għall-assistenza u r-riassigurazzjoni proporzjonali, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0060/R0120	Assistenza u riassigurazzjoni proporzjonali — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għall-assistenza u r-riassigurazzjoni proporzjonali tagħha matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.
C0030/R0130	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tat-telf finanzjarju mixxellanju — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għal assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tat-telf finanzjarju mixxellanju, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.
C0040/R0130	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tat-telf finanzjarju mixxellanju — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għal assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tat-telf finanzjarju mixxellanju matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0050/R0130	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tat-telf finanzjarju mixxellanju — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għall-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni proporzjonali tat-telf finanzjarju mixxellanju, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0060/R0130	Assigurazzjoni u riassigurazzjoni proporzjonali tat-telf finanzjarju mixxellanju — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għall-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni proporzjonali tat-telf finanzjarju mixxellanju matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għall-kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.
C0030/R0140	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali tas-saħħa— L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tas-saħħa, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.
C0040/R0140	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali tas-saħħa — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tas-saħħa matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.
C0050/R0140	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali tas-saħħa — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tas-saħħa, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0060/R0140	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali tas-saħħa — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tas-saħħa matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.
C0030/R0150	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-emerġenza — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-emerġenza, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0040/R0150	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-emerġenza — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-emerġenza matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.
C0050/R0150	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-emerġenza — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-emerġenza, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0060/R0150	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-emerġenza — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-emerġenza matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.
C0030/R0160	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali marittima, tal-avjazzjoni u t-trasport — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għal riassigurazzjoni mhux proporzjonali marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.
C0040/R0160	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali marittima, tal-avjazzjoni u t-trasport — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għal riassigurazzjoni mhux proporzjonali marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums sottoskritti.
C0050/R0160	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali marittima, tal-avjazzjoni u t-trasport — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għal riassigurazzjoni mhux proporzjonali marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0060/R0160	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali marittima, tal-avjazzjoni u t-trasport — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għal riassigurazzjoni mhux proporzjonali marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu eskluży mill-primjums sottoskritti.
C0030/R0170	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-proprjetà — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati flintier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-proprjetà, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.
C0040/R0170	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-proprjetà — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-proprjetà matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu eskluży mill-primjums sottoskritti.
C0050/R0170	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-proprjetà — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati flintier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-proprjetà, mingħajr marġni ta' riskju wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0060/R0170	Riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-proprjetà — Primjums sottoskritti netti (mir-riassigurazzjoni) f'dawn l-aħħar 12-il xahar — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-primjums sottoskritti għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tal-proprjetà matul l-aħħar 12-il xahar (riportament), wara tnaqqis tal-primjums għal kuntratti tar-riassigurazzjoni, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu eskluży mill-primjums sottoskritti.
C0070/R0200	Komponent tal-Formula Lineari għall-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tal-ħajja Riżultat $RKM_{(L,NL)}$	Dan huwa l-komponent tal-formula lineari għall-obbligi tal-assigurazzjoni u għar-riassigurazzjoni tal-ħajja marbutin ma' attivitajiet ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhux tal-ħajja kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 252(4) u (5) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0080/R0200	Komponent tal-Formula Lineari għall-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-ħajja Riżultat $RKM_{(L,L)}$	Dan huwa l-komponent tal-formula lineari għall-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tal-ħajja marbutin ma' attivitajiet ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tal-ħajja kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 252(9) u (10) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0090/R0210	Obbligi b'parteċipazzjoni fil-profitti — benefiċċji garantiti — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għall-benefiċċji garantiti fir-rigward ta' obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja b'kondiviżjoni tal-profittii, wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja u provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għall-obbligi tar-riassigurazzjoni meta l-obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja sottostanti jinkludu kondiviżjoni tal-profitti, wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.
C0110/R0210	Obbligi b'parteċipazzjoni fil-profitti — benefiċċji garantiti — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għal benefiċċji garantiti fir-rigward tal-obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja b'parteċipazzjoni fil-profitti, wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero, li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet tal-ħajja u provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għall-obbligi tar-riassigurazzjoni meta l-obbligi tal-assigurazzjoni sottostanti jinkludu parteċipazzjoni fil-profitti, wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero, li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0090/R0220	Obbligi b'parteċipazzjoni fil-profitti — benefiċċji diskrezzjonali futuri — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għal benefiċċji diskrezzjonali futuri fir-rigward ta' obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja b'kondiviżjoni tal-profitti, wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.
C0110/R0220	Obbligi b'parteċipazzjoni fil-profitti — benefiċċji diskrezzjonali futuri — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għall-benefiċċji diskrezzjonali futuri fir-rigward ta' obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja b'parteċipazzjoni fil-profitti, wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0090/R0230	Obbligi tal-assigurazzjoni marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għal obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja marbuta ma' indiċi u ma' unitajiet u obbligi tar-riassigurazzjoni marbuta ma' dawn l-obbligi tal-assigurazzjoni, wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0110/R0230	Obbligi tal-assigurazzjoni marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għal obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja marbuta ma' indiċi u ma' unitajiet u obbligi tar-riassigurazzjoni marbuta ma' dawn l-obbligi tal-assigurazzjoni, wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0090/R0240	Obbligi ta' (ri)assigurazzjoni tal-ħajja u (ri)assigurazzjoni tas-saħħa oħrajn — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għal obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja oħra u obbligi tar-riassigurazzjoni marbuta ma' dawn l-obbligi tal-assigurazzjoni, wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.
C0110/R0240	Obbligi ta' (ri)assigurazzjoni tal-ħajja u (ri)assigurazzjoni tas-saħħa oħrajn — L-aħjar stima netta (mir-riassigurazzjoni/SPV) u provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom — attivitajiet tal-ħajja	Dawn huma l-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju għall-obbligi tal-assigurazzjoni oħra u l-obbligi tar-riassigurazzjoni marbuta ma' dawn l-obbligi ta' assigurazzjoni, wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, b'minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0100/R0250	Kapital totali f'riskju tal-obbligi ta' (ri)assigurazzjoni tal-ħajja kollha — Kapital totali nett (mir-riassigurazzjoni/SPV) f'riskju — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dan huwa l-kapital totali f'riskju, li huwa s-somma tal-kuntratti kollha li joħolqu obbligi tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni tal-ħajja tal-ogħla ammonti li impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas f'każ ta' mewt jew diżabilità tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u strumenti ta' għan speċjali f'avveniment bħal dan, u l-valur preżenti mistenni tal-annwalitajiet pagabbli mal-mewt jew id-diżabbiltà bit-tnaqqis tal-aħjar stima netta, b'minimu ta' żero, li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet mhux tal-ħajja.
C0120/R0250	Kapital totali f'riskju tal-obbligi ta' (ri)assigurazzjoni tal-ħajja kollha — Kapital totali nett (mir-riassigurazzjoni/SPV) f'riskju — attivitajiet tal-ħajja	Dan huwa l-kapital totali f'riskju, li huwa s-somma fuq il-kuntratt kollha li joħolqu obbligi ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tal-ħajja tal-ogħla ammonti li l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkollha tħallas f'każ ta' mewt jew diżabilità tal-persuni assigurati skont il-kuntratt wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u strumenti ta' għan speċjali f'avveniment bħal dan, u l-valur preżenti mistenni ta' annwalitajiet pagabbli mal-mewt jew id-diżabilità bit-tnaqqis tal-aħjar stima nett, b'limitu minimu ta' żero, marbuta ma' attivitajiet tal-ħajja.
C0130/R0300	Kalkolu tar-RKM kumplessiv — RKM lineari	Ir-Rekwiżit Kapitali Minimu lineari għandu jkun ugwali għas-somma tal-komponent tal-formula lineari tar-RKM għall-assigurazzjoni u għar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja u l-komponent tal-formula lineari tar-RKM għall-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tal-ħajja kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 249 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0130/R0310	Kalkolu tar-RKM kumplessiv — RKS	Dan huwa l-aħħar RKS li għandu jiġi kkalkolat u rrapportat f'konformità mal-Artikoli 103 sa 127 tad-Direttiva 2009/138/KE, jew dak annwali jew wieħed aktar reċenti f'każ li r-RKS ikun ġie kkalkolat mill-ġdid (eż. minħabba bidla fil-profil tar-riskju), inkluża s-supplimentazzjoni kapitali. L-impriżi li jużaw mudell intern jew mudell intern parzjali sabiex jikkalkolaw ir-RKS għandhom jirreferu għar-RKS rilevanti, ħlief meta skont l-Artikolu 129(3) tad-Direttiva 2009/138/KE s-superviżur nazzjonali jkun jirrikjedi referenza għall-formula standard.
C0130/R0320	Kalkolu tar-RKM kumplessiv — Limitu massimu tar-RKM	Dan jiġi kkalkolat bħala 45 % tar-RKS inkluża kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali f'konformità mal-Artikolu 129(3) tad-Direttiva 2009/138/KE.
C0130/R0330	Kalkolu tar-RKM kumplessiv — Limitu minimu tar-RKM	Dan jiġi kkalkolat bħala 25 % tar-RKS inkluża kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali f'konformità mal-Artikolu 129(3) tad-Direttiva 2009/138/KE.
C0130/R0340	Kalkolu tar-RKM kumplessiv — RKM kombinat	Dan huwa r-riżultat tal-komponent tal-formula kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 248(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0130/R0350	Kalkolu tar-RKM kumplessiv — Limitu minimu assolut tar-RKM	Dan jiġi kkalkolat kif definit fl-Artikolu 129(1)d tad-Direttiva 2009/138/KE.
C0130/R0400	Rekwiżit Kapitali Minimu	Dan huwa r-riżultat tal-komponent tal-formula kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 248(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0140/R0500	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — RKM lineari nozzjonali — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dan huwa kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 252(3) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0500	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — RKM lineari nozzjonali — attivitajiet tal-ħajja	Dan huwa kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 252(9) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0140/R0510	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — RKS nozzjonali bl-esklużjoni tas-supplimentazzjoni (annwali jew l-aħħar kalkolu) — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dan huwa l-aħħar RKS nozzjonali li għandu jiġi kkalkolat u ddivulgat f'konformità mal-Artikoli 103 sa 127 tad-Direttiva 2009/138/KE, jew dak annwali jew wieħed aktar reċenti f'każ li r-RKS nozzjonali jkun ġie kkalkolat mill-ġdid (eż. minħabba bidla fil-profil tar-riskju) u ddivulgat, bl-esklużjoni tas-supplimentazzjoni kapitali. L-impriżi li jużaw mudell intern jew mudell intern parzjali sabiex jikkalkolaw ir-RKS għandhom jirreferu għar-RKS rilevanti, ħlief meta skont l-Artikolu 129(3) tad-Direttiva 2009/138/KE s-superviżur nazzjonali jkun jirrikjedi referenza għall-formula standard.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0150/R0510	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — RKS nozzjonali bl-esklużjoni tas-supplimentazzjoni (annwali jew l-aħħar kalkolu) — attivitajiet tal-ħajja	Dan huwa l-aħħar RKS nozzjonali li għandu jiġi kkalkolat u ddivulgat f'konformità mal-Artikoli 103 sa 127 tad-Direttiva 2009/138/KE, jew dak annwali jew wieħed aktar reċenti f'każ li r-RKS nozzjonali jkun ġie kkalkolat mill-ġdid (eż. minħabba bidla fil-profil tar-riskju) u ddivulgat, bl-esklużjoni tas-supplimentazzjoni kapitali. L-impriżi li jużaw mudell intern jew mudell intern parzjali sabiex jikkalkolaw ir-RKS għandhom jirreferu għar-RKS rilevanti, ħlief meta skont l-Artikolu 129(3) tad-Direttiva 2009/138/KE s-superviżur nazzjonali jkun jirrikjedi referenza għall-formula standard.
C0140/R0520	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — Limitu massimu tar-RKM nozzjonali — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dan jiġi kkalkolat bħala 45 % tar-RKS nozzjonali mhux tal-ħajja inkluża s-supplimentazzjoni kapitali mhux tal-ħajja f'konformità mal-Artikolu 129(3) tad-Direttiva 2009/138/KE.
C0150/R0520	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — Limitu massimu tar-RKM nozzjonali — attivitajiet tal-ħajja	Dan jiġi kkalkolat bħala 45 % tar-RKS nozzjonali tal-ħajja inkluża s-supplimentazzjoni kapitali tal-ħajja f'konformità mal-Artikolu 129 (3) tad-Direttiva 2009/138/KE.
C0140/R0530	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — Limitu minimu tar-RKM nozzjonali — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dan jiġi kkalkolat bħala 25 % tar-RKS nozzjonali mhux tal-ħajja inkluża s-supplimentazzjoni kapitali mhux tal-ħajja f'konformità mal-Artikolu 129(3) tad-Direttiva 2009/138/KE.
C0150/R0530	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — Limitu minimu tar-RKM nozzjonali — attivitajiet tal-ħajja	Dan jiġi kkalkolat bħala 25 % tar-RKS nozzjonali tal-ħajja inkluża s-supplimentazzjoni kapitali tal-ħajja f'konformità mal-Artikolu 129 (3) tad-Direttiva 2009/138/KE.
C0140/R0540	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — RKM Kombinat Nozzjonali — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dan huwa kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 252(3) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0540	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — RKM Kombinat Nozzjonali — attivitajiet tal-ħajja	Dan huwa kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 252(8) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0140/R0550	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — Limitu minimu assolut tar-RKM nozzjonali — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dan huwa l-ammont definit fl-Artikolu 129(1)d(i) tad-Direttiva 2009/138/KE.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0150/R0560	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — Limitu minimu assolut tar-RKM nozzjonali — attivitajiet tal-ħajja	Dan huwa l-ammont definit fl-Artikolu 129(1)d(ii) tad-Direttiva 2009/138/KE.
C0140/R0560	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — RKM nozzjonali — attivitajiet mhux tal-ħajja	Dan huwa r-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 252(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0560	Kalkolu tar-RKM nozzjonali mhux tal-ħajja u tal-ħajja — RKM nozzjonali — attivitajiet tal-ħajja	Dan huwa r-RKM nozzjonali tal-ħajja kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 252(7) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.

ANNESS III

Struzzjonijiet għall-formoli għar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-gruppi

Dan l-Anness fih struzzjonijiet fir-rigward tal-formoli fl-Anness I. L-ewwel kolonna tat-tabelli tidentifika l-entrati li għandhom jiġu divulgati billi tidentifika l-kolonni u r-ringieli kif murija fil-formola fl-Anness I.

Il-formoli li għandhom jimtlew f'konformità mal-istruzzjonijiet tat-taqsimiet differenti ta' dan l-Anness jissemmew bħala "din il-formola" matul it-test tal-Anness.

S.02.01 — Karta bilanċjali

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsima hija relatata mad-divulgazzjoni annwali ta' informazzjoni għall-gruppi.

Dan il-mudell huwa relevanti meta jintuża l-metodu 1 (metodu bbażat fuq il-konsolidazzjoni kontabilistika), jew esklussivament jew flimkien mal-metodu 2 (il-metodu ta' tnaqqis u aggregazzjoni). Holdings f'impriżi relatati li ma humiex konsolidati ringiela b'ringiela f'konformità mal-Artikolu 335, il-paragrafu 1, (a), (b) jew (c) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, inklużi l-holdings f'impriżi relatati inklużi mal-metodu 2 meta tintuża taħlita ta' metodi, għandhom jiġu inklużi fl-entrata "Holdings f'impriżi relatati, inklużi parteċipazzjonijiet".

Il-kolonna (C0010) tal- "valur tas-Solvenza II" għandha timtela bl-użu tal-prinċipji ta' valwazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2009/138/KE, ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, l-Istandards Tekniċi u l-Linji Gwida tas-Solvenza II.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Assi		
C0010/R0030	Assi intanġibbli	Assi intanġibbli oħra għajr avvjament. Assi mhux monetarju identifikabbli mingħajr sustanza fiżika.
C0010/R0040	Assi ta' taxxa differita	Assi ta' taxxa differita huma l-ammonti ta' taxxi fuq l-introjtu rekuperabbli f'perjodi futuri fir-rigward ta': (a) differenzi temporanji deduċibbli; (b) ir-riport ta' telf ta' taxxa mhux użat; jew (c) ir-riport ta' krediti ta' taxxa mhux użati.
C0010/R0050	Surplus tal-benefiċċji tal-pensjoni	Dan huwa t-total ta' surplus nett marbut ma' skema tal-pensjonijiet tal-impjegati.
C0010/R0060	Proprjetà, impjanti u tagħmir miżmuma għall-użu proprju	Assi tanġibbli li huma maħsuba għal użu permanenti u proprjetà miżmuma mill-impriża għall-użu proprju. Tinkludi wkoll proprjetà għall-użu proprju li qiegħda tinbena.
C0010/R0070	Investimenti (għajr assi miżmuma għal kuntratti marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet)	Dan huwa l-ammont totali ta' investimenti, bl-esklużjoni tal-assi miżmuma għal kuntratti marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet.
C0010/R0080	Proprjetà (għajr għall-użu proprju)	L-ammont tal-proprjetà, minbarra għall-użu proprju. Tinkludi wkoll proprjetà li għadha qiegħda tinbena għajr għall-użu proprju.
C0010/R0090	Holdings f'impriżi relatati, inklużi l-parteċipazzjonijiet	Parteċipazzjonijiet kif definiti fl-Artikolu 13(20) tad-Direttiva 2009/138/KE u 212(2) tad-Direttiva 2009/138/KE u holdings f'impriżi relatati kif definiti fl-Artikolu 212(1), il-punt (b) tad-Direttiva 2009/138/KE.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		Meta partijiet mill-assi fir-rigward ta' parteċipazzjoni u impriżi relatati jkunu jirreferu għal kuntratti marbuta ma' unitajiet u ma' indiċi, dawk il-partijiet għandhom jiġu divulgati f'"Assi miżmuma għal kuntratti marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet" f'C0010/R0220. Impriżi relatati mal-parteċipazzjonijiet u l-holidings fil-livell ta' grupp se jinkludu: — holdings f'impriżi ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni relatati iżda mhux sussidjarji, kumpaniji b'parteċipazzjoni assigurattiva jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta kif deskritt fl-Artikolu 335, paragrafu 1, (d) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 — holdings f'impriżi relatati f'setturi finanzjarji oħra kif deskritt fl- Artikolu 335, paragrafu 1, (e) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 — impriżi relatati oħrajn kif deskritt fl-Artikolu 335, paragrafu 1, (f) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 — impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta inklużi fil-metodu ta' tnaqqis u aggregazzjoni (meta tintuża taħlita ta' metodi).
C0010/R0100	Ekwitajiet	Dan huwa l-ammont totali ta' ekwitajiet elenkati u mhux elenkati.
C0010/R0110	Ekwitajiet — elenkati	Ishma li jirrappreżentaw il-kapital tal-korporazzjonijiet, eż. li jirrappreżentaw sjieda f'korporazzjoni, innegozjati f'suq regolat jew f'faċilità multilaterali tan-negozjar, skont id-Direttiva 2010/65/UE. L-ekwitajiet elenkati għandhom jeskludu holdings f'impriżi relatati, inklużi parteċipazzjonijiet.
C0010/R0120	Ekwitajiet — mhux elenkati	Ishma li jirrappreżentaw il-kapital tal-korporazzjonijiet, eż. li jirrappreżentaw sjieda f'korporazzjoni, mhux innegozjati f'suq regolat jew f'faċilità multilaterali tan-negozjar, skont id-Direttiva 2014/65/UE. Ekwitajiet mhux elenkati għandhom jeskludu holdings f'impriżi relatati, inklużi parteċipazzjonijiet.
C0010/R0130	Bonds	Din huwa l-ammont totali ta' bonds tal-gvern, bonds korporattivi, noti strutturati u titoli kollateralizzati.
C0010/R0140	Bonds tal-Gvern	Bonds maħruġa minn awtoritajiet pubbliċi, kemm jekk minn gvernijiet ċentrali, istituzzjonijiet tal-gvern supranazzjonali, gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali u bonds li huma ggarantiti bis-sħiħ, inkondizzjonalment u irrevokabbilment mill-Bank

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		Ċentrali Ewropew, il-gvern ċentrali u l-banek ċentrali tal-Istati Membri, banek multilaterali tal-iżvilupp kif imsemmi fl-Artikolu 117(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), jew organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 118 ta' dak ir-Regolament, il-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2011 ([2]), meta l-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 215 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35
C0010/R0150	Bonds korporattivi	Bonds maħruġa minn korporazzjonijiet
C0010/R0160	Noti strutturati	Titoli ibridi, li jikkombinaw strument b'introjtu fiss (redditu f'forma ta' pagamenti fissi) b'serje ta' komponenti derivattivi. Esklużi minn din il-kategorija huma titoli b'introjtu fiss li huma maħruġa minn gvernijiet sovrani. Tikkonċerna titoli li għandhom inkorporati fihom kwalunkwe kategorija ta' Derivattivi, inklużi Swaps ta' Inadempjenza ta' Kreditu ("CDS"), Swaps b'Maturità Kostanti ("CMS"), Opzjonijiet ta' Inadempjenza ta' Kreditu ("CDOp").
C0010/R0170	Titoli kollateralizzati	Titoli li l-valur u l-pagamenti tagħhom huma derivati minn portafoll ta' assi sottostanti, inklużi Titoli Garantiti b'Assi ("ABS"), Titoli Abbażi ta' Ipoteka ("MBS"), Titoli Abbażi ta' Ipoteka Kummerċjali ("CMBS"), Obbligi Kollateralizzati ta' Dejn ("CDO"), Obbligi Kollateralizzati ta' Self ("CLO"), Obbligi Kollateralizzati ta' Ipoteka ("CMO")
C0010/R0180	Impriżi ta' Investimenti Kollettivi	Impriża ta' investiment kollettiv tfisser impriża għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli ("UCITS") kif definit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jew fond ta' investiment alternattiv ("AIF") kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).
C0010/R0190	Derivattivi	Strument finanzjarju jew kuntratt ieħor li jissodisfa t-tliet karatteristici kollha li gejjin: (a) il-valur tiegħu jinbidel b'reazzjoni għall-bidla f'rata tal-imgħax speċifikata, fi prezz ta' strument finanzjarju, fi prezz ta' prodott bażiku, f'rata tal-kambju, f'indiċi ta' prezzijiet jew rati, fi klassifikazzjoni tal-kreditu jew f'indiċi tal-kreditu jew f'varjabbli ieħor, diment li, fil-każ ta' varjabbli mhux finanzjarju, dak il-varjabbli ma jkunx speċifiku għal parti fil-kuntratt (xi drabi msejħa s-"sottostanti"). (b) ma jkun jirrikjedi l-ebda investiment nett inizjali jew investiment nett inizjali li jkun iżgħar minn dak li jkun meħtieġ għal tipi oħrajn ta' kuntratti li jkun mistenni li jkollhom rispons simili għal bidliet fil-fatturi tas-suq. (c) jiġi saldat f'data fil-ġejjieni. Valur tas-Solvenza II, jekk pożittiv biss, tad-derivattiv fid-data tar-rapportar jiġi divulgat hawn (f'każ ta' valur negattiv, ara C0010/R0790).

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010/R0200	Depożiti għajr ekwivalenti ta' flus	Depożiti għajr ekwivalenti ta' flus li ma jistgħux jintużaw biex isiru pagamenti qabel data ta' maturità speċifika u li mhumiex skambjabbli f'munita jew depożiti trasferibbli mingħajr l-ebda tip ta' restrizzjoni jew penali sinifikanti.
C0010/R0210	Investimenti oħrajn	Investimenti oħrajn mhux koperti diġà fl-investimenti divulgati bejn R0070 u R0200.
C0010/R0220	Assi miżmuma għal kuntratti marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet	Assi miżmuma għal kuntratti marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet (ikklassifikati fil-linja operatorja 31 kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35).
C0010/R0230	Self u ipoteki	Dan huwa l-ammont totali ta' self u ipoteki, jiġifieri l-assi finanzjarji maħluqa meta impriżi jisilfu fondi, kemm b'kollateral kif ukoll mingħajru, inklużi puli ta' flus.
C0010/R0240	Self fuq poloz	Self li sar lil detenturi ta' poloz, kollateralizzat fuq poloz (provvedimenti tekniċi sottostanti).
C0010/R0250	Self u ipoteki lil individwi	Assi finanzjarji maħluqa meta krediturijisilfu fondi lil debituri — individwi, b'kollateral jew le, inklużi puli ta' flus.
C0010/R0260	Self u ipoteki oħrajn	Assi finanzjarji maħluqa meta krediturijisilfu fondi lil debituri — oħrajn, mhux klassifikabbli fl-entrata R0240 jew R0250, b'kollateral jew le, inklużi puli ta' flus.
C0010/R0270	Rekuperabbli tar-riassigurazzjoni minn:	Dan huwa l-ammont totali ta' rekuperabbli tar-riassigurazzjoni. Jikkorrispondi għall-ammont tas-sehem tar-riassiguratur mill-provvedimenti tekniċi (inklużi riassigurazzjoni Finite u SPV). Din iċ-ċellola b'mod partikolari tinkludi l-pagamenti kollha mistennija mir-riassiguraturi lill-impriża (jew viċi versa) li jikkorrispondu għal pagamenti li jkunu għadhom ma sarux mill-impriża lid-detenturi tal-poloz (jew mid-detenturi tal-poloz lill-impriża). Il-ħlasijiet kollha mistennija mir-riassiguraturi lill-impriża (jew viċi versa) li jikkorrispondu għall-pagamenti diġà magħmula mill-impriża lid-detenturi tal-poloz (jew mid-detenturi tal-poloz lill-impriża) għandhom jiġu inklużi fir-riċevibbli tar-riassigurazzjoni (jew l-ammonti pagabbli tar-riassigurazzjoni).
C0010/R0280	Mhux tal-ħajja u tas-saħħa simili għal mhux tal-ħajja	Rekuperabbli tar-riassigurazzjoni fir-rigward ta' provvedimenti tekniċi għal mhux tal-ħajja u tas-saħħa simili għal mhux tal-ħajja.
C0010/R0290	Mhux tal-ħajja bl-esklużjoni tas-saħħa	Rekuperabbli tar-riassigurazzjoni fir-rigward ta' provvedimenti tekniċi għal operazzjonijiet mhux tal-ħajja, bl-esklużjoni tal-provvedimenti tekniċi għal tas-saħħa simili għal mhux tal-ħajja
C0010/R0300	Tas-saħħa simili għal mhux tal-ħajja	Rekuperabbli tar-riassigurazzjoni fir-rigward ta' provvedimenti tekniċi għal tas-saħħa simili għal mhux tal-ħajja.
C0080 sa C0140/R0400	Pretensjonijiet imġarrba — Nett	Pretensjonijiet imġarrba matul il-perjodu ta' rapportar kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment għal pretensjonijiet matul is-sena finanzjarja fir-rigward tas-somma tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati bit-tnaqqis tal-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni. Dan għandu jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0080 sa C0140/R0550	Spejjeż imġarrba	Spejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-grupp matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0140/R1200	Spejjeż oħra	Spejjeż tekniċi oħra mhux koperti bl-ispejjeż imsemmija hawn fuq u mhux maqsuma skont il-linji operatorji. Ma għandhomx jinkludu spejjeż mhux tekniċi bħal taxxi, spejjeż tal-imgħax, telf fuq disponiment, eċċ.
C0140/R1300	Spejjeż totali	Ammont tal-ispejjeż tekniċi kollha li jikkorrispondu għall-pajjiżi koperti minn din il-formula.
Obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja		
C0160 sa C0200/R1400	L-ewwel ħames pajjiżi (skont l-ammont ta' primjums grossi sottoskritti) — obbligi tal-ħajja	Identifika l-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiżi li qed jiġu divulgati għall-obbligi tal-ħajja.
C0220 sa C0280/R1410	Primjums sottoskritti — Gross	Definizzjoni ta' primjums sottoskritti pprovduta fl-applikazzjoni tad-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: primjums grossi miktuba għandhom jinkludu l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni, li jirriżultaw minn operazzjonijiet grossi, minkejja l-fatt li dawn l-ammont jistgħu jirrigwardaw kompletament jew parzjalment sena finanzjarja futura. L-ammont ta' taxxi jew imposti għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti.
C0220 sa C0280/R1420	Primjums sottoskritti — Sehem tar-riassiguraturi	Definizzjoni ta' primjums sottoskritti pprovduta fl-applikazzjoni tad-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: primjums grossi miktuba għandhom jinkludu l-ammonti kollha ċeduti lil riassiguraturi matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni minkejja l-fatt li dawn l-ammont jistgħu jirrigwardaw kompletament jew parzjalment sena finanzjarja futura. L-ammont ta' taxxi jew imposti għandu jiġi eskluż mill-primjums sottoskritti.
C0220 sa C0280/R1500	Primjums sottoskritti — nett	Definizzjoni ta' primjums sottoskritti pprovduta fl-applikazzjoni tad-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: il-primjums sottoskritti netti jirrappreżentaw it-total tal-operazzjonijiet diretti u operazzjonijiet tal-assigurazzjoni aċċettati imnaqqas bl-ammont ċedut lil impriżi tar-riassigurazzjoni. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu eskluži mill-primjums sottoskritti.
C0220 sa C0280/R1510	Primjums gwadanjati — Gross	Definizzjoni ta' primjums gwadanjati pprovduta fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: huma s-somma tal-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati relatati ma' operazzjonijiet diretti u tar-riassigurazzjoni gross aċċettati. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu eskluži mill-primjums gwadanjati.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0220 sa C0280/R1520	Primjums gwadanjati — sehem tar-riassiguraturi	Definizzjoni ta' primjums gwadanjati pprovduta fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: hija s-sehem tar-riassiguratur fil-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fis-sehem tar-riassiguratur fil-provvediment għal primjums mhux gwadanjati. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums gwadanjati.
C0220 sa C0280/R1600	Primjums gwadanjati — Nett	Definizzjoni ta' primjums gwadanjati pprovduta fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: is-somma tal-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati fir-rigward tat-total tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati bit-tnaqqis tal-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni. L-ammont ta' taxxi jew ħlasijiet imposti mal-primjums għandhom jiġu esklużi mill-primjums gwadanjati.
C0220 sa C0280/R1610	Pretensjonijiet imġarrba — Gross	Pretensjonijiet imġarrba matul il-perjodu ta' rapportar kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma ta' pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja, relatata ma' kuntratti tal-assigurazzjoni li jirriżultaw minn operazzjonijiet diretti u ta' riassigurazzjoni gross. Dan jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0220 sa C0280/R1620	Pretensjonijiet imġarrba — Sehem tar-riassiguraturi	Pretensjonijiet imġarrba matul il-perjodu ta' rapportar kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: dan huwa sehem ir-riassiguratur fit-total tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja. Dan jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0220 sa C0280/R1700	Pretensjonijiet imġarrba — Nett	Pretensjonijiet imġarrba matul il-perjodu ta' rapportar kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment għal pretensjonijiet matul is-sena finanzjarja fir-rigward tas-somma tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati bit-tnaqqis tal-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni. Dan jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0220 sa C0280/R1900	Spejjeż imġarrba	Spejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-grupp matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0280/R2500	Bilanċ - spejjeż/introjtu tekniċi oħrajn	Spejjeż/introjtu tekniċi netti mhux koperti mill-ispejjeż imsemmija hawn fuq u mhux maqsuma skont il-linji operatorji. Ma għandhomx jinkludu spejjeż/introjtu mhux tekniċi bħat-taxxa, spejjeż tal-imgħax, telf fuq iċ-ċessjonijiet, eċċ.
C0280/R2600	Spejjeż totali	Ammont tal-ispejjeż tekniċi kollha li jikkorrispondu għall-pajjiżi koperti minn din il-formula.
C0220 sa C0280/R2700	Ammont totali ta' ċedimenti	Dan l-ammont jirrappreżenta l-ammont totali ta' ċedimenti li seħħew matul is-sena. Dan l-ammont jiġi divulgat ukoll taħt pretensjonijiet imġarrba (entrata R1610).

S.22.01 — L-impatt tal-miżuri tal-garanziji u l-miżuri tranżizzjonali fit-tul

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsima hija relatata mad-divulgazzjoni annwali ta' informazzjoni għall-gruppi.

Din il-formula hija rilevanti meta mill-inqas miżura ta' garanzija fit-tul jew tranżizzjonali waħda tintuża minn kwalunkwe impriża fi ħdan l-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp.

Din il-formula għandha tirrifletti l-impatt fuq il-pożizzjonijiet finanzjarji meta ma tintużax tranżizzjonali u kull miżura LTG jew tranżizzjonali tkun żero. Għal dak l-għan, għandu jiġi segwit approċċ pass pass fejn il-miżuri tranżizzjonali u LTG jitneħħew waħda waħda u mingħajr ma jiġi rikalkulat l-impatt tal-miżuri li jifdal wara kull pass.

L-impatti jridu jiġu divulgati fil-pożittiv jekk iżidu l-ammont tal-entrata li tkun qed tiġi divulgata u fin-negattiv jekk inaqqsu l-ammont tal-entrata (pereż. jekk l-ammont ta' RKS jiżdied jew jekk l-ammont ta' Fondi Proprji jiżdied allura għandhom jiġu divulgati valuri pożittivi).

l-ammonti divulgati f'din il-formola għandhom ikunu netti ta' tranżazzjonijiet bejn il-grupp.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Provvedimenti tekniċi		
C0010/R0010	L-ammont ta' miżuri ta' Garanzija fuq Terminu Twil u tranżizzjonali — Provvedimenti Tekniċi	L-ammont totali tal-provvedimenti tekniċi gross inklużi miżuri ta' garanzija fit-tul u miżuri tranżizzjonali.
C0030/R0010	L-impatt tal-miżuri tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi – Provvedimenti Tekniċi	L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni ta' miżura tranżitorja fuq il-provvedimenti tekniċi. Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżitorju fil-provvedimenti tekniċi u l-provvedimenti tekniċi b'miżuri ta' garanzija fit-tul u b'miżuri tranżitorji

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0050/R0010	L-impatt tal-miżuri tranżizzjonali fuq ir-rata tal-imgħax – Provvedimenti tekniċi	L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżitorju fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti. Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi.
C0070/R0010	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Provvedimenti tekniċi	L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.
C0090/R0010	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Provvedimenti Tekniċi	L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament ta' korrispondenza jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra.
C0010/R0020	L-ammont ta' miżuri ta' Garanzija fuq Terminu Twil u tranżizzjonali — Fondi proprji bażiċi	L-ammont totali ta' fondi proprji bażiċi kalkulat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali.
C0030/R0020	L-impatt tal-miżuri tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — Fondi proprji bażiċi	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi kkalkolati meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr it-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi u fil-fondi proprji bażiċi kkalkulati, filwaqt li jitqiesu il-provvedimenti tekniċi bl-LTG u l-miżuri tranżizzjonali.
C0050/R0020	L-impatt tal-miżuri tranżizzjonali fuq ir-rata tal-imgħax – Fondi proprji bażiċi	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi ikkalkulati filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-fondi proprji bażiċi ikkalkulati bil-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0070/R0020	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Fondi proprji bażiċi	L-ammont tal-aġġustament fil-Fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.
C0090/R0020	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Fondi proprji bażiċi	L-ammont tal-aġġustament fil-Fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament ta' korrispondenza jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra.
C0010/R0050	L-ammont b'miżuri ta' Garanzija fuq Terminu Twil u tranżizzjonali — Fondi proprji eliġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont totali ta' fondi proprji eliġibbli sabiex jissodisfaw ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza ("RKS") ikkalkolat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali.
C0030/R0050	L-impatt tal-miżuri tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — Fondi proprji eliġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS kalkulat meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi u fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS kalkulat meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi b'LTG u miżuri tranżizzjonali.
C0050/R0050	L-impatt tal-miżuri tranżizzjonali fuq ir-rata tal-imgħax — Fondi proprji eliġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi.
C0070/R0050	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Fondi proprji eliġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw l-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.
C0090/R0050	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Fondi proprji eliġibbli sabiex jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw l-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament ta' korrispondenza jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli sabiex jiġi ssodisfat ir-RKS ikkalkolat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżizzjonali l-oħrajn kollha, u l-fondi proprji eliġibbli sabiex jiġi ssodisfat ir-RKS ikkalkolat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżizzjonali oħrajn.
C0010/R0090	L-ammont b'miżuri ta' Garanzija fuq Terminu Twil u tranżizzjonali — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont totali ta' RKS kalkulat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali.
C0030/R0090	L-impatt tal-miżuri tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS kalkulat meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi u l-RKS ikkalkolat meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi b'miżuri LTG u tranżizzjonali.
C0050/R0090	L-impatt tal-miżuri tranżizzjonali fuq ir-rata tal-imgħax — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS ikkalkolat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u r-RKS ikkalkolat bil-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżizzjonali għall-provvedimenti tekniċi.
C0070/R0090	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fl-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u r-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0090/R0090	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	L-ammont tal-aġġustament fl-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament ta' korrispondenza jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u ir-RKS ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra.

S.23.01 — Fondi Proprji

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsima hija relatata mad-divulgazzjoni ta' informazzjoni tal-ftuħ, trimestrali u annwali għall-gruppi.

Il-mudell huwa applikabbli skont it-tliet metodi ta' kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp. Peress li l-biċċa l-kbira tal-entrati huma applikabbli għall-parti tal-grupp li hija koperta mill-metodu 1 (il-metodu bbażat fuq il-konsolidazzjoni kontabilistika), l-entrati applikabbli meta jintuża l-metodu 2 (il-metodu ta' Tnaqqis u Aggregazzjoni jew il-metodu ta' D&A), esklussivament jew flimkien mal-metodu 1, jiġu identifikati b'mod ċar fl-istruzzjonijiet.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0010/C0010	Kapital azzjonarju ordinarju (gross bl-ishma proprji) — total	Dan huwa t-total tal-kapital azzjonarju ordinarju, miżmum direttament kif ukoll indirettament (qabel it-tnaqqis tal-ishma proprji). Dan huwa t-total tal-kapital azzjonarju ordinarju tal-grupp li jissodisfa bis-sħiħ il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 jew tal-Grad 2. Kwalunkwe kapital azzjonarju ordinarju li ma jissodisfax għal-kollox il-kriterji għandu jiġi trattat bħala kapital azzjonarju privileġġat u jiġi klassifikat skont dan irrispettivament mid-deskrizzjoni jew dežinjazzjoni tiegħu.
R0010/C0020	Kapital azzjonarju ordinarju (gross bl-ishma proprji) — Grad 1 bla restrizzjoni	Dan huwa l-ammont ta' kapital azzjonarju ordinarju mħallas li jissodisfa l-kriterji ta' Grad 1 bla restrizzjoni.
R0010/C0040	Kapital azzjonarju ordinarju (gross bl-ishma proprji) — Grad 2	Dan huwa l-ammont ta' kapital azzjonarju ordinarju prelevat li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 2.
R0020/C0010	Kapital azzjonarju ordinarju eżerċitat iżda mhux imħallas mhux disponibbli fil-livell tal-grupp li għandu jitnaqqas — total	Dan huwa l-ammont totali ta' kapital azzjonarju ordinarju eżerċitat iżda mhux imħallas, li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE u għandu jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0020/C0020	Kapital azzjonarju ordinarju eżerċitat iżda mhux imħallas mhux disponibbli fil-livell tal-grupp li għandu jitnaqqas — grad 1 bla restrizzjoni	Dan huwa l-ammont totali ta' kapital azzjonarju ordinarju eżerċitat iżda mhux imħallas li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfa l-kriterji bla restrizzjoni tal-Grad 1 u li għandu jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0020/C0040	Kapital azzjonarju ordinarju eżerċitat iżda mhux imħallas mhux disponibbli fil-livell tal-grupp li għandu jitnaqqas — grad 2	Dan huwa l-ammont ta' kapital azzjonarju ordinarju eżerċitat iżda mhux imħallas li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 2 u li jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0030/C0010	Kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' kapital azzjonarju ordinarju — total	It-total tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-kapital azzjonarju ordinarju li jissodisfa bis-sħiħ il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 jew il-Grad 2.
R0030/C0020	Kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-kapital azzjonarju ordinarju — Grad 1 bla restrizzjoni	Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma ordinarji li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 1 bla restrizzjoni peress li jirrelata ma' kapital azzjonarju ordinarju trattat bħala Grad 1 bla restrizzjoni.
R0030/C0040	Kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-kapital azzjonarju ordinarju — Grad 2	Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma ordinarji li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 2 peress li jirrelata ma' kapital azzjonarju ordinarju trattat bħala Grad 2.
R0040/C0010	Fondi inizjali, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu — total	Il-fondi inizjali, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu li jissodisfaw bis-sħiħ il-kriterji għal entrati tal-Grad 1 jew il-Grad 2.
R0040/C0020	Fondi inizjali, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu — Grad 1 bla restrizzjoni	Dan huwa l-ammont tal-fondi inizjali, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu li jissodisfa il-kriterji tal-Grad 1 bla restrizzjoni.
R0040/C0040	Fondi inizjali, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu — Grad 2	Dan huwa l-ammont tal-fondi inizjali, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 2.
R0050/C0010	Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri — total	Dan huwa t-total tal-ammont tal-kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li jissodisfaw bis-sħiħ il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 ristrett, il-Grad 2 jew il-Grad 3.
R0050/C0030	Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri — Grad 1 ristrett	Dan huwa l-ammont tal-kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 1 ristrett.
R0050/C0040	Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri — Grad 2	Dan huwa l-ammont tal-kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 2.
R0050/C0050	Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri — Grad 3	Dan huwa l-ammont tal-kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 3.
R0060/C0010	Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri mhux disponibbli fil-livell tal-grupp li għandhom jitnaqqsu — total	Dan huwa l-ammont totali ta' kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0060/C0030	Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri mhux disponibbli fil-livell tal-grupp li għandhom jitnaqqsu — Grad 1 ristrett	Dan huwa l-ammont ta' kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 1 ristrett u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0060/C0040	Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri mhux disponibbli fil-livell tal-grupp li għandhom jitnaqqsu — Grad 2	Dan huwa l-ammont ta' kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 2 u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0060/C0050	Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri mhux disponibbli fil-livell tal-grupp li għandhom jitnaqqsu — Grad 3	Dan huwa l-ammont ta' kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 3 u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0070/C0010	Fondi surplus — total	Dan huwa l-ammont totali ta' fondi surplus li jaqgħu taħt l-Artikolu 91(2) tad-Direttiva 2009/138/KE.
R0070/C0020	Fondi surplus — Grad 1 bla restrizzjoni	Dawn huma l-fondi surplus li jaqgħu taħt l-Artikolu 91(2) tad-Direttiva 2009/138/KE u li jissodisfaw il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 bla restrizzjoni.
R0080/C0010	Fondi surplus mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp – total	Dan huwa l-ammont totali ta' fondi surplus li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0080/C0020	Fondi surplus mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — Grad 1 bla restrizzjoni	Dan huwa l-ammont ta' fondi surplus li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 bla restrizzjoni u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0090/C0010	Ishma privileġġati — total	Dan huwa t-total tal-ammont tal-ishma privileġġati maħruġa li jissodisfaw bis-sħiħ il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 ristrett, il-Grad 2 jew il-Grad 3.
R0090/C0030	Ishma privileġġati — Grad 1 ristrett	Dan huwa l-ammont tal-ishma privileġġati maħruġa li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 1 ristrett.
R0090/C0040	Ishma privileġġati — Grad 2	Dan huwa l-ammont tal-ishma privileġġati maħruġa li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 2.
R0090/C0050	Ishma privileġġati — Grad 3	Dan huwa l-ammont tal-ishma privileġġati maħruġa li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 3.
R0100/C0010	Ishma privileġġati mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — total	Dan huwa l-ammont totali ta' ishma privileġġati li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0100/C0030	Ishma privileġġati mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — Grad 1 Ristrett	Dan huwa l-ammont ta' ishma privileġġati li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 ristrett u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0100/C0040	Ishma privileġġati mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — Grad 2	Dan huwa l-ammont ta' ishma privileġġati li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 2 u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0100/C0050	Ishma privileġġati mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — Grad 3	Dan huwa l-ammont ta' ishma privileġġati li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 3 u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0110/C0010	Kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma privileġġati — total	It-total tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-kapital ta' ishma privileġġati li jissodisfa bis-sħiħ il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 ristrett, il-Grad 2 jew il-Grad 3.
R0110/C0030	Kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma privileġġati — Grad 1 ristrett	Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-ishma privileġġati li jissodisfa l-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 ristrett peress li jirrelata ma' ishma privileġġati trattati bħala entrati tal-Grad 1 ristrett.
R0110/C0040	Kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma privileġġati — Grad 2	Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-ishma privileġġati li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 2 peress li jirrelata ma' ishma privileġġati trattati bħala Grad 2.
R0110/C0050	Kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma privileġġati — Grad 3	Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-ishma privileġġati li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 3 peress li jirrelata ma' ishma privileġġati trattati bħala Grad 3.
R0120/C0010	Kont tal-primjum tal-ishma mhux disponibbli relatat ma' ishma privileġġati li għandu jitnaqqas fil-livell tal-grupp — total	Dan huwa l-ammont totali tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma privileġġati li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE u li jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0120/C0030	Kont tal-primjum tal-ishma mhux disponibbli relatat ma' ishma privileġġati li għandu jitnaqqas fil-livell tal-grupp — grad 1 ristrett	Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma privileġġati li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfa l-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 ristrett u li jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0120/C0040	Kont tal-primjum tal-ishma mhux disponibbli relatat ma' ishma privileġġati li għandu jitnaqqas fil-livell tal-grupp — Grad 2	Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma privileġġati li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 2 u li jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0120/C0050	Kont tal-primjum tal-ishma mhux disponibbli relatat ma' ishma privileġġati li għandu jitnaqqas fil-livell tal-grupp — Grad 3	Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma privileġġati li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 3 u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0130/C0010	Riżerva ta' rikonċiljazzjoni — total	Ir-riżerva ta' rikonċiljazzjoni totali tirrappreżenta riżervi (pereż. qligħ imfaddal), netti mill-aġġustamenti (pereż. fondi delimitati). Dan jirriżulta prinċipalment minn differenzi bejn il-valwazzjoni kontabilistika u l-valwazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.
R0130/C0020	Riżerva ta' rikonċiljazzjoni — Grad 1 bla restrizzjoni	Ir-riżerva ta' rikonċiljazzjoni tirrappreżenta riżervi (pereż. qligħ imfaddal), netti mill-aġġustamenti (pereż. fondi delimitati). Dan jirriżulta prinċipalment minn differenzi bejn il-valwazzjoni kontabilistika u l-valwazzjoni kif imsemmi fid-Direttiva 2009/138/KE.
R0140/C0010	Obbligazzjonijiet subordinati — total	Dan huwa l-ammont totali tal-obbligazzjonijiet subordinati.
R0140/C0030	Obbligazzjonijiet subordinati — Grad 1 ristrett	Dan huwa l-ammont tal-obbligazzjonijiet subordinati li jissodisfaw il-kriterji tal-entrati ristretti tal-Grad 1.
R0140/C0040	Obbligazzjonijiet subordinati — Grad 2	Dan huwa l-ammont tal-obbligazzjonijiet subordinati li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 2.
R0140/C0050	Obbligazzjonijiet subordinati — Grad 3	Dan huwa l-ammont tal-obbligazzjonijiet subordinati li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 3.
R0150/C0010	Obbligazzjonijiet subordinati mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — total	Dan huwa l-ammont totali ta' obbligazzjonijiet subordinati li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE u għandu jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0150/C0030	Obbligazzjonijiet subordinati mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — Grad 1 ristrett	Dan huwa l-ammont ta' obbligazzjonijiet subordinati li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 ristrett u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0150/C0040	Obbligazzjonijiet subordinati mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — Grad 2	Dan huwa l-ammont ta' obbligazzjonijiet subordinati li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 2 u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0150/C0050	Obbligazzjonijiet subordinati mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — Grad 3	Dan huwa l-ammont ta' obbligazzjonijiet subordinati li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 3 u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0160/C0010	Ammont daqs il-valur tal-assi netti ta' taxxa differita — total	Dan huwa l-ammont totali ta' assi netti ta' taxxa differita.
R0160/C0050	Ammont daqs il-valur tal-assi netti ta' taxxa differita — Grad 3	Dan huwa l-ammont tal-assi netti ta' taxxa differita li jissodisfaw il-kriterji tal-klassifikazzjoni tal-grad 3.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0170/C0010	Ammont ugwali għall-valur tal-assi netti ta' taxxa differita mhux disponibbli sabiex jitnaqqas fil-livell tal-grupp – total	Dan huwa l-ammont totali ta' assi netti ta' taxxa differita li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0170/C0050	Ammont ugwali għall-valur tal-assi netti ta' taxxa differita mhux disponibbli li għandu jitnaqqas fil-livell tal-grupp – Grad 3	Dan huwa l-ammont ta' assi netti ta' taxxa differita li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 3 u jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0180/C0010	Entrati oħra ta' fondi proprji approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq	Dan huwa t-total tal-entrati ta' fondi proprji bażiċi mhux identifikati hawn fuq u li għandu l-approvazzjoni superviżorja.
R0180/C0020	Entrati oħrajn ta' fondi proprji approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq — Grad 1 bla restrizzjoni	Dan huwa l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji bażiċi mhux identifikati hawn fuq li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 1 bla restrizzjoni u għandhom l-approvazzjoni superviżorja.
R0180/C0030	Entrati oħrajn ta' fondi proprji approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq — Grad 1 ristrett	Dan huwa l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji bażiċi mhux identifikati hawn fuq li jissodisfaw il-kriterja tal-entrati tal-Grad 1 ristrett, u li għandu l-approvazzjoni superviżorja.
R0180/C0040	Entrati oħrajn ta' fondi proprji approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq — Grad 2	Dan huwa l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji bażiċi mhux identifikati hawn fuq li jissodisfaw il-kriterja tal-Grad 2 u li għandu l-approvazzjoni superviżorja.
R0180/C0050	Entrati oħrajn ta' fondi proprji approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq — Grad 3	Dan huwa l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji bażiċi mhux identifikati hawn fuq li jissodisfaw il-kriterja tal-Grad 3 u li għandu l-approvazzjoni superviżorja.
R0190/C0010	Fondi proprji mhux disponibbli relatati ma' entrati oħrajn approvati minn awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li għandhom jitnaqqsu - total	Dan huwa l-ammont totali ta' entrati ta' fondi proprji relatati ma' Entrati oħrajn approvati minn awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li huma meqjusa mhux disponibbli, kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE u jridu jitnaqqsu skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0190/C0020	Fondi proprji mhux disponibbli relatati ma' entrati oħrajn approvati minn awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li għandhom jitnaqqsu - entrati tal-Grad 1 bla restrizzjoni	Dan huwa l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji relatati ma' entrati oħrajn approvati minn awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 bla restrizzjoni u jridu jitnaqqsu skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0190/C0030	Fondi proprji mhux disponibbli relatati ma' entrati oħrajn approvati minn awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li għandhom jitnaqqsu - entrati tal-Grad 1 ristrett	Dan huwa l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji relatati ma' entrati oħrajn approvati minn awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 ristrett u jridu jitnaqqsu skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0190/C0040	Fondi proprji mhux disponibbli relatati ma' entrati oħrajn approvati minn awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li għandhom jitnaqqsu - Grad 2	Dan huwa l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji relatati ma' entrati oħrajn approvati minn awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 2 u jridu jitnaqqsu skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0190/C0050	Fondi proprji mhux disponibbli relatati ma' entrati oħrajn approvati minn awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li għandhom jitnaqqsu — Grad 3	Dan huwa l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji relatati ma' entrati oħrajn approvati minn awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 3 u jridu jitnaqqsu skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0200/C0010	Interessi minoritarji fil-livell tal-grupp – total	Dan huwa t-total ta' interessi minoritarji fil-grupp li dwaru hemm divulgazzjoni.
R0200/C0020	Interessi minoritarji fil-livell tal-grupp – Grad 1 bla restrizzjoni	L-ammont ta' interessi minoritarji fil-grupp li dwaru hemm divulgazzjoni li jissodisfaw il-kriterji għal entrati ta' Grad 1 mingħajr restrizzjonijiet.
R0200/C0030	Interessi minoritarji fil-livell tal-grupp – Grad 1 ristrett	L-ammont ta' interessi minoritarji fil-grupp li dwaru hemm divulgazzjoni li jissodisfaw il-kriterji għal entrati ta' Grad 1 ristretti.
R0200/C0040	Interessi minoritarji fil-livell tal-grupp – Grad 2	L-ammont ta' interessi minoritarji fil-grupp li dwaru hemm divulgazzjoni li jissodisfaw il-kriterji għall-Grad 2.
R0200/C0050	Interessi minoritarji fil-livell tal-grupp – Grad 3	L-ammont ta' interessi minoritarji fil-grupp li dwaru hemm divulgazzjoni li jissodisfaw il-kriterji għall-Grad 3.
R0210/C0010	Interessi minoritarji mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — total	Dan huwa l-ammont totali ta' interessi minoritarji li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE u jridu jitnaqqsu skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0210/C0020	Interessi minoritarji mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — Grad 1 bla restrizzjoni	Dan huwa l-ammont ta' interessi minoritarji li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 1 bla restrizzjoni u jridu jitnaqqsu skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0210/C0030	Interessi minoritarji mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — Grad 1 ristrett	Dan huwa l-ammont ta' interessi minoritarji li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 1 ristrett u jridu jitnaqqsu skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0210/C0040	Interessi minoritarji mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — Grad 2	Dan huwa l-ammont ta' interessi minoritarji li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 2 u jridu jitnaqqsu skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0210/C0050	Interessi minoritarji mhux disponibbli li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-grupp — Grad 3	Dan huwa l-ammont ta' interessi minoritarji li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 3 u jridu jitnaqqsu skont l-Artikolu 330 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
Fondi proprji fir-rapporti finanzjarji li ma għandhomx ikunu rappreżentati minn riżerva ta' rikonċiljazzjoni u li ma jissodisfawx il-kriterji biex jiġu klassifikati bħala fondi proprji tas-Solvenza II		
R0220/C0010	Fondi proprji fir-rapporti finanzjarji li ma għandhomx ikunu rappreżentati mir-riżerva ta' rikonċiljazzjoni u li ma jissodisfawx il-kriterji sabiex jiġu kklassifikati bħala fondi proprji tas-Solvenza II — total	Dan huwa l-ammont totali ta' fondi proprji fir-rapporti finanzjarji li mhumiex rappreżentati minn riżerva ta' rikonċiljazzjoni u li ma jissodisfawx il-kriterji biex jiġu klassifikati bħala fondi proprji tas-Solvenza II. Dawn il-fondi proprji huma jew: (a) entrati li jidhru fil-listi tal-entrati tal-fondi proprji, iżda li ma jissodisfawx il-kriterji tal-klassifikazzjoni jew id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali; jew (b) entrati maħsuba sabiex jaqdu r-rwol tal-fondi proprji li ma humiex fil-lista tal-entrati tal-fondi proprji u li ma ġewx approvati mill-awtorità superviżorja u li ma jidhrux fil-karta bilanċjali bħala obbligazzjonijiet. Obbligazzjonijiet subordinati li ma jgħoddux bħala fondi proprji bażiċi ma għandhomx jiġu divulgati hawn, iżda fil-karta bilanċjali (il-formula S.02.01) bħala obligazzjonijiet subordinati li ma jgħoddux bħala fondi proprji bażiċi.
Tnaqqis		
R0230/C0010	Tnaqqis għal parteċipazzjonijiet f'impriżi finanzjarji oħrajn, inklużi impriżi li ma humiex regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji — total	Dan huwa t-tnaqqis totali għal parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti ta' investiment, istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi, kumpaniji maniġerjali tal-UCITS, istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali, entitajiet finanzjarji mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji, inklużi l-parteċipazzjonijiet li jitnaqqsu skont l-Artikolu 228, il-paragrafu 2, tad-Direttiva 2009/138/KE. Dawk il-parteċipazzjonijiet jitnaqqsu mill-fondi proprji bażiċi u jiżdiedu lura bħala fondi proprji skont ir-regoli settorjali rilevanti fir-ringieli minn R0410 sa R0440.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0230/C0020	Tnaqqis għal parteċipazzjonijiet f'impriżi finanzjarji oħrajn, inklużi impriżi mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji — Grad 1 bla restrizzjoni	Dan huwa t-tnaqqis għall-parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti ta' investiment, istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv, kumpaniji maniġerjali ("UCITS"), istituzzjonijiet għall-provvisti ta' rtirar okkupazzjonali, entitajiet finanzjarji mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji, inklużi l-parteċipazzjonijiet li jitnaqqsu skont l-Artikolu 228, il-paragrafu 2, tad-Direttiva 2009/138/KE (għandu jintwera separatament fir-ringiela R0240). Dawk il-parteċipazzjonijiet jitnaqqsu mill-fondi proprji bażiċi u jiżdiedu lura bħala fondi proprji skont ir-regoli settorjali rilevanti fir-ringieli minn R0410 sa R0440 — entrati tal-Grad 1 bla restrizzjoni.
